# Madonna Ta' Pinu

Sena XXIX Vol XI Nru. 144 Jannar - Marzu 2008



## Dehriet Marjani

Rivista maħruġa mis-Santwarju Ta' Pinu - Għawdex

# Madonna Ta' Pinu

Perjodiku ta' kull tliet xhur



**Bord Editorjali:** Dun Gerard Buhagiar (*Editur*), Dun Mikiel Galea, Francesco Pio Attard, Maureen Attard, Esther Bajada, Edward Depasquale.

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali*



**Kull korrispondenza għandha tintbagħat hekk:**
***L-Editur,*** *"Madonna ta' Pinu"*
*Ċentru Kulturali Marjan, Ta' Pinu, Għarb*
*Gozo GRB 1704, MALTA.*
*Tel: 2155 6187* *Fax: 2156 2350*
*E-mail: theeditor@tapinu.org*



**Abbonament għas-sena 2008:**

| | | |
|---|---|---|
| *Lokali* | Lm2.58 | **€ 6.00** |
| *Ewropa* | Lm6.01 | **€14.00** |
| *Barra mill-Ewropa* | Lm7.30 | **€17.00** |
| *Sostenitur* | Offerta Libera | |

*Sena XXVIII Vol X Nru. 144*
*Jannar - Marzu 2008*




**Ritratti tal-Qoxra**
***Quddiem:*** Il-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu wara l-1883

***Wara:*** Programm ta' l-Erbgħat fis-Santwarju Ta' Pinu

***Disinni fil-bidu ta' kull artiklu:***
*Dettal ta' l-iskultura* - Wistin Camilleri, u Mużajċi li jinsabu fis-*Santwarju Ta' Pinu*


***Ringrazzjament***
*Arkivju Rit. Santwarju Ta' Pinu, Archivio Foto. Marconi, Italja.*

**stampar:** jdbprinting - tel: 2155 2219



© Copyright Ta' Pinu Publications 2008
*L-ebda parti minn artiklu jew ritratt, li jidhru fuq din ir-rivista ma jistgħu jiġu ppubblikati mingħajr il-permess bil-miktub tal-Bord Editorjali.*


## *F'din il-Ħarġa...*


**1** Il-Kelma tar-Rettur *Stedina mis-Sema: 125 Sena mis-Sejħa tal-Madonna ta' Pinu*

**2** Simposju Marjan *"Ejja... fi ħdan Marija ssib lil Ġesu`"*

**3** Id-Dehriet Marjani... Sinjal ta' Preżenza Materna

**5** L-Uniku Kmandament ta' Marija fil-Vanġelu!

**7** Id-Dehriet tal-Madonna: Sensazzjonaliżmu jew Opportunita`?

**9** Dehriet Importanti tal-Verġni Marija

**10** Restawr fuq pitturi ta' Emvin Cremona

**12** Stedina Marjana: "Isimgħu Lilu..."

**14** Id-Dehriet Marjani fid-dawl tal-Kelma t'Alla u fl-esperjenza ta' Missirijiet tal-Knisja

**17** Lectio Divina: *"Għarfuh fil-qsim tal-ħobż"*

**21** Sliem Għalik: *Marija, għajn ta' ħniena*

**23** Ħsibijiet Marjani: *Marija Omm Kristu Rxuxtat*

**25** English Corner *Marian Apparitions*

**27** Mill-Ħajja tas-Santwarju

**30** Mela Darba: *Id-Dehra tal-Madonna fi Guadalupe*

**34** L-Għanja tal-Qaddejja 1 parti

**37** Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...

**38** Mill-Album tal-Festi tal-125 Sena

**40** Preżentazzjonijiet tat-Tfal


## *Intenzjoni ta' din il-Ħarġa*

**Biex kull min jżur is-Santwarju Ta' Pinu f'din is-sena speċjali, jkollu esperjenza vera ta' l-imħabba nfinita` ta' Kristu bl-interċessjoni ta' Ommna Marija.**




# Stedina mis-Sema: 125 Sena mis-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu

Permezz ta' din il-ħarġa qed nagħtu bidu għal sensiela ta' erba' ħarġiet speċjali dwar il-Ġrajja tal-Madonna Ta' Pinu. Kif tafu, din is-sena qed infakkru l-125 sena mis-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu lil Karmni Grima, lil Franġisk Portelli u lilna!

F'din l-ewwel ħarġa ser nistudjaw flimkien xi jfissru d-Dehriet u s-Sejħat li Ommna Marija tagħmlilna matul is-snin. Ma ninsewx li l-Verġni Marija hija rigal ta' Kristu lilna. Minn fuq is-salib Ġesu` jagħtina lil Ommu biex tkun ommna. Kif Marija ssieħbet dejjem ma' Binha Ġesu` anke fil-mumenti l-aktar iebsa ta' ħajtu, hekk ukoll tagħmel magħna. Hija qatt mhi sejra tħallina weħidna. Anzi meta minħabba ċ-ċirkustanzi tal-ħajja aħna nitbiegħdu mill-merħla tar-Ragħaj t-Tajjeb tagħna, hija dlonk tinżel fostna, issejħilna biex nersqu għandha, ħalli tkun hi li terġa' tlaqqana mar-Ragħaj Divin li għalina offra ħajtu biex iwassalna għand il-Missier.

Il-motto li għażilna għal din is-sena speċjali huwa: **"Ejja..., fi ħdan Marija ssib lil Ġesu`".** Dan huwa dak li nixtiequ ngħidu lil kull min iżur is-Santwarju Ta' Pinu. Dan huwa post għażiż, li għażlitu l-Madonna biex minnu hija tressaq lil kull bniedem lejn Binha Ġesu` u twasslu fejn ġa hija tinsab, fil-glorja tal-Missier. "Ejja" hija l-ewwel kelma li ħarġet mill-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu mija u ħamsa u għoxrin sena ilu, sejħa li għadha tidwi sal-lum. Iva, Marija għadha ssejħilna biex niġu għandha! Għaliex?

- Għax il-bniedem ma jistax jgħix fil-paċi mingħajr Kristu.
- Għax biex tiltaqa' ma' Kristu u tisma' kelmtu trid titgħallem tiskot
- Għax lil Kristu ssibu fi ħdan Marija, fi ħdan il-Knisja.

Tabilħaqq illum qed ngħixu f'dinja mimlija ħsejjes, ilħna differenti, storbju, dinja bla mistrieħ ta' xejn, forsi mhux l-ewwel darba li stqarrejna li 24 siegħa ma humiex biżżejjed bien inlaħħqu max-xogħol li għandna nagħmlu. Kif ser nintebaħ b'leħen il-Mulej f'dan il-kaos kollu? Is-sigriet huwa wieħed:

- **Ieqaf** mill-ġiri tiegħek
- **Iskot** mill-paroli tiegħek
- **Ejja u idħol** fil-kappella tal-Madonna Ta' Pinu
- **Oqgħod fi ħdan Marija fis-SKIET**
- **U tħoss il-Preżenza ta' Ġesu`, li jimla' lil qalbek bil-paċi tiegħu!**

Il-Mulej għadu magħna kif qalilna: "U ara, Jiena magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien" (Mt28,20). Huwa jien li rrid nintebaħ bih, li rrid nagħraf il-kelma tiegħu minn ħafna oħrajn. Ejja mela fl-iskola ta' Marija, u ħalliha tkun għalik l-Għalliema tal-Ħajja Vera, l-Għalliema li twasslek għand Kristu li huwa t-Triq, il-Verita` u l-Ħajja! ♦

# Simposju Marjan

## fl-okkażjoni tal-125 Sena mis-Sejħa tal-Madonna ta' Pinu
## Santwarju Madonna Ta' Pinu
## Għawdex, Malta
## 4 - 8 ta' Ġunju 2008

# "Ejja... fi ħdan Marija ssib lil Ġesu`"

Il-Fakulta` Pontifiċja Teoloġika *Marianum* ta' Ruma, bil-kollaborazzjoni tas-Santwarju Ta' Pinu, ser torganizza dan is-Simposju fis-Sala tas-Santwarju. F'dawn il-jiem ser isiru diversi taħdidiet mill-isbaħ ta' tagħlim teoloġiku dwar il-Verġni Marija. Il-kelliema ser ikunu l-*Preside* tal-Fakulta` Teoloġika Marianum, Prof. Padre Silvano M. Maggiani osm u Prof. Salvatore M. Perrella osm.

### L-Erbgħa, 4 ta' Ġunju 2008

**8.30 p.m.** Ftuħ tas-Simposju. Ċelebrazzjoni tal-Kelma u diskors ta' Merħba.
*Imexxi Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex.*

### Il-Ħamis, 5 ta' Ġunju 2008 - *Sessjoni Teoloġika*

**5.30 p.m.** Ċelebrazzjoni tal-Kelma.
**6.00 p.m.** **'Is-sens ekkleżjali tad-dehriet Marjani'** - *Prof. Salvatore M. Perrella, osm.*
**7.15 p.m.** Break.
**7.30 p.m.** Diskussjoni.
**8.00 p.m.** Messaġġ minn Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof Emeritus ta' Malta.

### Il-Ġimgħa, 6 ta' Ġunju 2008 - *Sessjoni Bibblika*

**5.30 p.m.** Ċelebrazzjoni ta' l-Innu 'Akatistos'.
**6.00 p.m.** **"Daħlu d-dar u raw lit-tifel ma' Ommu Marija" (Mt. 2, 11) - "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu" (Ġw 2, 5): 'Marija, Għalliema tal-Kristjaneżmu'**
*Prof. Salvatore M. Perrella, osm*
**7.15 p.m.** Break.
**7.30 p.m.** Diskussjoni.
**8.00 p.m.** Messaġġ minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi, Isqof Emeritus ta' Għawdex.

### Is-Sibt, 7 ta' Ġunju 2008 - *Sessjoni Liturġika*

**8.00 a.m.** Ċelebrazzjoni tat-Tifħir ta' Sbieħ il-Jum.
**8.30 a.m.** **'Fiċ-Ċelebrazzjonijiet Marjani, niltaqgħu ma' Kristu'**
*Prof. Silvano M. Maggiani, osm*
**9.45 a.m.** Break.
**10.15 a.m.** **'Bħal Marija, u magħha, nikkontemplaw lil Ġesu`'** - *Prof. Silvano M. Maggiani, osm*
**11.30 a.m.** Diskussjoni
**12.30 p.m.** Messaġġ minn Mons. Pawlu Cremona OP, Arċisqof ta' Malta.
**6.30 p.m.** Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

### Il-Ħadd, 8 ta' Ġunju 2008

**11.15 a.m.** Ċelebrazzjoni Ewkaristika ta' l-Għeluq tas-Simposju.

---

- **It-taħdidiet prinċipali ser ikunu bit-Taljan, imma jkun hemm is-servizz ta' traduzzjoni għall-Malti b'mod dirett.**
- **Dawk li ser jattendu huma mitluba li jimlew il-Formola ta' l-Applikazzjoni u jibagħtuha lir-Rettur, Santwarju Madonna Ta' Pinu, Għarb, Għawdex.**



# ID-DEHRIET MARJANI... SINJAL TA' PREŻENZA MATERNA

Mons Salv Grima

***"Marija, min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha" (Lq 2, 19).*** **Min-naħa l-oħra, kienet Marija stess li stqarret li *"minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli ħienja" (Lq 1, 48).***

X'iżommna li nqiegħdu dawn l-istqarrijiet fl-istorja tad-dehriet marjani biex nifhmu aħjar x'tifsira dawn għandhom għal min irid jarahom fid-dawl nisrani?

Qabel xejn wieħed għandu jifhem li mhux l-iskop tagħna li nidħlu fil-proċess li tieħu l-Knisja biex tiddeċiedi jekk dehra hix awtentika jew le. Iżda meta dehriet huma approvati għandhom funzjoni li jwasslu messaġġ mogħti fi spirtu evanġeliku ta' rieda tajba u b'mod fidil lejn il-Kelma ta' Alla.

Hawn ninsabu quddiem l-istorja tar-rivelazzjonijiet privati li jingħażlu sewwa minn dik pubblika u universali li tinsab fl-Iskrittura Mqaddsa u li sabet il-milja tagħha fi Kristu u ngħalqet mal-mewt ta' l-aħħar appostlu. Għalhekk xejn mhu jiżdied ġdid permezz tad-dehriet, imma għandna sejħa għall-attenzjoni għal xi parti mill-Vanġelu b'mod li timmarka xi aspett partikulari tal-Bxara t-Tajba, b'ħoss aqwa li jista' jinstema' anki minn dawk li huma torox.

Ir-rivelazzjonijiet privati jħaddnu wkoll l-element profetiku bl-iskop li jwasslu sens ikbar ta' faraġ, kuraġġ u tisħiħ f'dawk li jistqarru l-fidi nisranija tagħhom. Dan kollu jgħin biex jikber spiritwalment il-Ġisem Mistiku ta' Kristu, fiż-żmien u fl-istorja, dejjem b'mod subordinat u fi qbil ma' dak li seħħ fil-pjan tas-salvazzjoni u mwassal lilna fil-Kotba Mqaddsa.

Hemm minn xiex wieħed irid joqgħod attent ukoll. Hekk per eżempju mill-periklu tal-kurżita' f'rabta ma' xi previżjonijiet marbuta ma' l-aħħar taż-żminijiet. Attenti minn kull xorta ta' pretensjoni minn xi persuni, fissazzjoni mentali, minn ġrajjiet mixtieqa jew imfittxija mill-viżjonarji, la bħala frott ta' fantasija u lanqas ta' l-emozzjoni.

Min-naħa l-oħra, fenomeni ta' dix-xorta għandhom ikunu inizjattiva ħielsa u skond ir-rieda ta' Alla, bla ebda forma ta' ingann jew tgħawwiġ tal-verita'. Jibqgħu bl-iskop li jilqgħu kontra l-mentalita' ta' l-indifferenza fejn jidħlu ħwejjeġ reliġjużi. Iservu ta' twissija anki fejn jidħol ir-relattiviżmu jew il-kilba għal kull akkwist tal-ġid materjali.

Jibqgħu dawk l-uħud li dejjem lesti li jwaqqgħu kollox għar-redikolu, ma jinżlilhomx dak li hu sopranaturali,

jinterpretaw kollox bħala blugħa jew invenzjonijiet minn dawk ta' moħħhom vojt. Kull xorta ta' preġudizzju hu ħażin, għax la trid tarmi kollox u lanqas trid tibla' kollox.

## GĦALIEX MARIJA?

Marija hija Omm il-ħajjin kollha. Tkompli l-medjazzjoni tagħha bħal dak inhar f'Kana. Ħidma li qatt ma ġiet irtirata, anzi konfermata bħala Omm taħt is-salib. Hija kienet li ġarret kull xorta ta' toqol f'ħajjitha u għalhekk dak is-sejf li nifdilha qalbha trid issa tbiddlu f'messaġġ li jagħmel il-qalb, iktar ħeġġa fil-fidi, f'mixja b'viżjoni li trid twassal għad-dehra tal-wiċċ ta' Alla.

Hija tibqa' minn ta' quddiem biex tgħin lil kulħadd ħalli sseħħ ix-xewqa ta' Alla, imnaqqxa f'kull bniedem. Għax hija Omm il-Feddej, Marija tibqa' turi imħabbitha lejn dawk imnikkta, u għalhekk hija l-aqwa sieħba mal-Knisja pellegrina lejn is-sema pajjiżna, garanzija soda u kollha ħlewwa anki għal min qed jaqta' qalbu.

M'hemm x'wieħed jistagħġeb għala tkun Marija, Omm Kristu, li s-soltu tidher lil uliedha. Tul is-sekli hija tibqa' disposta għal dak li jrid Binha biex tkompli turi anki lill-insara x'tifsira għandha l-ħajja tagħhom fil-Knisja. Hija turi l-medjazzjoni tagħha quddiem Binha anki meta tistieden għat-talb, anki bir-Rużarju, għall-adorazzjoni, għall-paċi, għall-konverżjoni u l-bqija. Ħafna huma l-postijiet tad-dehriet li saru ċentri ewkaristiċi u dan meta Marija hija msejħa "l-Mara Ewkaristika" kif stqarrha l-Papa Ġwanni Pawlu II fl-Enċiklika "Il-Knisja mill-Ewkaristija" *(2003)*.

Marija qatt ma titfa' ħarsitha fuqha nfisha, imma tindirizza lejn Kristu: *"Agħmlu kulma jgħidilkom hu" (Ġw 2, 5)*, għax bħala dixxiplu tiegħu u qaddejja fidila, hija taf, aħjar minn kulħadd, kif twassal lill-oħrajn lejn il-Qalb kollha ħniena tiegħu.

Dan l-għan intlaħaq minn ta' l-ewwel fl-istess viżjonarji li quddiem it-tfixkil li sabu ruħhom fih u kull għamla oħra ta' sofferenza, ħajjithom baqgħet tinbidel għall-aħjar, jissaħħu fil-virtu' u jitħeġġu fix-xhieda nisranija. Permezz tagħhom kompla jitwettaq il-pjan ta' Alla fil-kors ta' l-istorja fejn "iċ-ċkejknin" jingħataw l-ewwel post "fis-saltna tas-smewwiet".

Marija, Omm il-fidi, tibqa' toffri sehem kbir f'dan id-don f'kuntest ta' umanita' li teħtieġ li tissaħħaħ fit-twemmin u t-tama tagħha, u ma tisfax mhedda bla bżonn mill-isfida li toffri r-raġuni fid-dinja ta' llum.

In-nisrani tat-tielet millennju għandu kull ċans li jibqa' miftuħ għal dawk il-valuri li jwassluh għall-ħajja tas-sema. Hawn japplika tant tajjeb dak li jawgura l-Papa Benedittu XVI fl-ewwel enċiklika tiegħu "Alla huwa Mħabba" *(2006)* għall-bniedem ta' llum, fejn jikkontempla l-Verġni Mbierka fil-glorja fi ħdan ix-xirka tal-qaddisin ta' Alla u li issa dawn jibqgħu juru ħidma f'Alla anki wara mewthom. "Min jagħmel il-mixja tiegħu lejn Alla, ma jkunx tbiegħed mill-bnedmin, anzi joqrob dejjem iktar lejhom. F'ħadd ma jidher iktar dan aħjar milli f'Marija" *(par 42)*.◆



# WIRJA TA' IKONI MARJANI

*Mill-4 sat-8 ta' Ġunju 2008*
*(matul il-ġranet tas-Simposju Marjan)*
*ser issir Wirja ta' Ikoni Marjani*
*fis-Sala tal-Konvenji*
*tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu.*



# L-UNIKU KMANDAMENT TA' MARIJA FIL-VANĠELU!

**minn Dun Michael Galea**



Amadeo Brogli, *Marija Omm tal-Knisja*

F'diskors li għamel fit-18 ta' Novembru 1995, il-Kardinal Giovanni Saldarini qal li fil-Vanġelu ta' San Ġwann, Marija titkellem mill inqas, anzi titkellem darba biss. U dan ġara fit-tieġ ta' Kana. Jgħidilna San Ġwann: Sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u omm Ġesu` kienet hemm. Ġesu` kien mistieden għat-tieġ hu wkoll flimkien mad-dixxipli tiegħu. Billi ma kienx fadal iżjed inbid, omm Ġesu` qaltlu: "*Ma għandhomx inbid.*" u Ġesu` qalilha: "*X'hemm bejni u bejnek, mara? Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx.*" Omm Ġesu` qalet lil qaddejja: "*Agħmlu kull ma jgħidilkom hu.*" *(2, 1-5)* Din l-aħħar frasi, "*Agħmlu kull ma jgħidilkom hu,*" nistgħu nqisuha bħala l-uniku kmandament ta' Marija fil-Vanġelu ta' San Ġwann. Dak inhar għamlitu lill-qaddejja, illum tagħmlu lilna, membri tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu.

Qabel xejn irridu ngħidu li dal-kmandament, Marija għexitu hija stess. Kif insibu fil-Marialis Cultus, "*Marija hija l-ewwel u l-aqwa fost id-dixxipli tal-Mulej.*" *(35)* Fil-ħajja personali tagħha, hija aċċettat f'kollox u b'mod responsabbli li tisma' l-kelma t'Alla u tagħmilha; fi kliem ieħor, hija l-mara li rabtet qalbha mar-rieda t'Alla. Jgħidilna San Luqa fil-Vanġelu tiegħu: "*Imbagħad Marija qalet (lill-anġlu): Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skond kelmtek,*" *(1, 38)* "*iva*" li għexitha ħajjitha kollha, saħansitra sa fuq il-Kalvarju. Importanti niftakru li għal Ġesu`, ommu u ħutu huma dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla u jagħmlu dak li jgħid Hu. *(ara Luqa 8, 21)* Iktar tard, fil-Vanġelu ta' San Luqa għandna l-ġrajja ta' dik il-mara li għolliet leħinha minn qalb il-folla u qalet lil Ġesu` "*Hieni l-ġuf li ġiebek u s-sider li rdajt!*" Hu qalilha: "*Imma tassew ngħidlek, aktar hienja dawk li jisimgħu l-kelma t' Alla u jħarsuha!*" *(11, 27-28)* Ġesu` bl-ebda mod mhu qed ibaxxi d-dixxipolat ta' Marija għax kif jgħidulna l-Missirijiet tal-Knisja,

għal Marija kien iktar importanti li tkun dixxiplu ta' Binha milli tkun ommu.

Riflessjoni oħra li xtaqt nagħmel hija din: permezz ta' dan il-kmandament, Marija trid twassalna għand Ġesu`, tlaqqagħna miegħu u tifformana bil-mod il-mod f'dixxipli tiegħu. U dan huwa essenzjali għan-nisrani għax Ġesu` huwa l-unika triq li twassalna għand il-Missier. Fil-Vanġelu ta' San Ġwann, niltaqgħu ma' Ġesu` li jgħid għalih innifsu: "*Jiena hu t-Triq, is-Sewwa u l-Ħajja. Ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux permezz tiegħi.*" *(14, 6)* Fi kliem ieħor, importanti li n-nisrani jimxi fuq l-eżempju ta' Ġesu` *(Ġwanni 13, 15)*, jibda jaħsibha kif kien jaħsibha Ġesu` *(ara Filippin 2, 5)* u jgħix il-ħajja ta' Ġesu` *(Galatin 2, 20)*.

Iżjed... minħabba dan il-kmandament,lil Marija nistgħu ninkluduha fil-lista ta' personaġġi, imsemmijin fil-Vanġelu ta' San Ġwann, li kienu xhieda ta' Ġesu`, li wasslu lill-oħrajn għand Ġesu`. Għandi f'moħħi, per eżempju lil Ġwanni l-Battista: l-għada, Ġwanni reġa' kien hemm ma' tnejn mid-dixxipli tiegħu. Ħares lejn Ġesu` li kien għaddej minn hemm u qal: "*Araw il-Ħaruf t' Alla.*" Iż-żewġ dixxipli semgħuh jgħid dan u marru wara Ġesu`. *(1, 35-37)* Nistgħu nsemmu lil Indri`: wieħed mit-tnejn li semgħu x'kien qal Ġwanni u marru wara Ġesu` kien Indri`, ħu Xmun Pietru. L-ewwel ma għamel mar isib lil ħuħ Xmun, u qallu: "Sibna l-Messija..." U ħadu għand Ġesu`. *(1, 40-42)*. Forsi nistgħu nsemmu wkoll lis-samaritana, li għalkemm kellha passat imħawwad, kienet strumentali biex ħafna samaritani emmnu f'Ġesu`. Jgħidilna San Ġwann: kien hemm ħafna samaritani minn dik il-belt li emmnu f'Ġesu` fuq ix-xhieda li tathom dik il-mara... *(4, 39)*.

Kelma fuq id-dehriet u s-sejħat ta' Marija approvati mill-Knisja universali jew mill-Knejjes lokali. Fil-kapitlu tmienja tal-Lumen Gentium, il-Konċilju Vatikan II jgħidilna li għalkemm ittellgħet fis-sema, Marija ma telqitx minn taħt idejha l-ħidma għas-salvazzjoni tagħna, imma għadha tidħol għalina b'kull mod biex Alla jagħtina l-grazzji meħtieġa għas-salvazzjoni ta' dejjem. Fl-imħabba tagħha ta' omm hija taħseb il-ħin kollu f'dawk l-aħwa ta' Binha li, fit-triq tagħhom lejn is-sema, għadhom jitħabtu fost perikli u diffikultajiet...*(ara n. 62)* Id-dehriet u s-sejħat ta' Marija approvati mill-Knisja universali jew mill-Knejjes lokali rridu narawhom fid-dawl ta' dan li jgħidilna l-Konċilju. Ma nistgħux nieqfu fuq il-fenomenu straordinarju tad-dehra jew tas-sejħa partikulari, imma irridu naslu għall-messaġġ, nifhmuh u ngħixuh. Marija ġieli qaltilna, "*Itolbu*", ġieli qaltilna "*Agħmlu penitenza*", ġieli qaltilna, "*Ikkonvertu*" ...Dawn l-eżortazzjonijiet kollha huma tifsira konkreta u prattika ta' l-uniku kmandament ta' Marija fil-Vanġelu ta' San Ġwann: "*Agħmlu kull ma jgħidilkom hu.*" Għax Ġesu` qalilna nitolbu, qalilna nagħmlu penitenza, qalilna nindmu u nikkonvertu...

Xtaqt nispiċċa b' talba qasira imma profonda li ħallielna San Anselmu; għandha tkun it-talba ta' kull nisrani. "*O glorjuża Verġni Marija, agħmel li permezz tiegħek nimmeritaw li nitilgħu ħdejn Ġesu` Ibnek, kif permezz tiegħek Ġesu` Ibnek niżel fostna u sar wieħed minna.*"◆




# *Id-Dehriet tal-Madonna: Sensazzjonalizmu jew Opportunita`?*

**minn Dun. Eddie Vella**

Din is-Sena jaħbat il-150 anniversarju tad-dehra tal-Madonna ġewwa Lourdes fi Franza u anke l-125 sena minn meta l-Madonna Ta' Pinu kellmet lil Karmela Grima u lil Franġisk Portelli. Ma' dawn id-dehriet jew rivelazzjonijiet privati jiżdiedu bosta oħrajn, iżjed jew anqas antiki, u anke xi wħud riċenti. Anke fi żmienna forsi aktar minn kull żmien ieħor ma humiex nieqsa xniegħat ta' dehriet jew rivelazzjonijiet oħra. Meta ngħid xniegħat ma rridx bl-ebda mod niftiehem li qiegħed ngħaddi ġudizzju fuq il-validita` jew anqas ta' dawn il-fenomeni. Nibda biex ngħid li l-pożizzjoni tiegħi hija waħda ta' silenzju u stennija sakemm Ommna l-Knisja tagħti l-verdett tagħha. F'dan l-artiklu rrid aktar nitkellem dwar x'għandu jkun l-atteġġjament tan-nisrani quddiem dawn il-fenomeni.

Problema li rrid nitlaq biha, u li ma tistax ma taħbatx ma' moħħ kull min għandu għal qalbu l-fidi nisranija huwa l-fatt li minn naħa jidher li l-fidi ta' bosta Ewropej u anke tagħna l-Maltin u l-Għawdxin tinsab fi kriżi u minn naħa l-oħra donnu l-interess f'fenomeni ġodda qiegħed kulma jmur jiżdied. Tgħid għaliex u xi jfisser dan kollu? Onestament ma nħossx li għandi tweġiba.

It-Teologu Hans U. von Balthasar jikteb *"Meta il-ministeru marjan tal-Knisja jiċċajpar jew jiġi ssagrifikat, il-kristjaneżimu inevitabilment isir unisesswali, jiġifieri kollu kemm hu maskili, u hekk il-Knisja tinbidel fi Knisja ta' diskorsi li ma jintemmu qatt, organizzazzjonijiet, kunsilli, kungressi,... mingħajr il-marjoloġija, il-kristjaneżmu jirriskja li jsir inuman. Jekk f'ċerti teoloġiji u ekkleżjoloġiji Marija ma għandhiex post, ir-raġuni hija waħda sempliċi: dan għax il-fidi tkun ġiet ridotta sempliċement għal xi ħaġa astratta".*[1]

Il-kelmiet ta' dan it-teologu ma jistgħux ma jaħsduniex. Quddiem il-fenomenu tad-dehriet jew fenomeni straordinarji jista jiġri li xi wħud jgħaġġlu żżejjed b'konsegwenza li xi oħrajn jitgerrxu, u dan saħansitra jista jwassal biex il-post speċjali li għandha Marija fit-tagħlim u fil-ħajja tal-Knisja jiġi sagrifikat minħabba l-biża' ta' abbużi. Allura kif għandha tkun imġieba korretta tan-nisrani quddiem dan il-fenomenu li qiegħed iseħħ fil-Knisja?

1. L-ewwel nett wieħed irid jagħmel distinzjoni bejn fenomeni li ġew approvati mill-Knisja kemm lokali u universali, fenomeni li dwarhom il-Knisja għadha ma ppronunċjatx ruħha, u fenomeni li dwarhom il-Knisja qalet ċar li mhumiex ġejjin minn Alla.

2. Teżisti dehra waħda biss li hi aċċettata mill-Knisja universali, jiġifieri mill-Papa u li hija dik ta' Lourdes. Infatti din hi l unika dehra li tiġi ċċelebrata fil-liturġija bħala Tifkira mhux obbligatorja. Dan għaliex in-nisrani mhux obbligat li jemmen l-ebda waħda minn dawn id-dehriet. Aħna nemmnu li r-rivelazzjoni pubblika ngħalqet mal-mewt ta' l-aħħar appostlu li kien jaf lil Ġesu` direttament. X'jista' jżid jgħidilna Alla iżjed milli qalilna permezz ta' Ibnu, jew minn jista' jwasslilna tagħrif dwar Alla aktar minn Ibnu stess? Infatti wieħed mill-kriterji wżati mill-Knisja biex tiddixxerni d-dehriet hu li l-informazzjoni mogħtija waqt id-dehra ma' żżid xejn minn dak li nsibu fil-Vanġelu. Fid-dehriet awtentiċi Marija dejjem irrepetiet dak li diġa` hu mgħallem fil-Vanġelu stess. Hawn tajjeb li nżidu li d-dehra tal-Madonna ġewwa Fatima, għad li ma hijiex uffiċċjalment rikonoxxuta mill-Papa, iżda d-devozzjoni kbira li dejjem wera l-Papa Ġwanni Pawlu II lejn dan il-post nistgħu insejħulha bħala rikonoxximent mhux uffiċjali mill-istess Papa.

3. Hemm imbagħad dehriet jew fenomeni straordinarji li ġew rikonoxxuti mill-Knisja lokali, jiġifieri mill-Isqof tal-Post jew mill-Konferenza Episkopali tal-pajjiż. Fost dawn insemmu Ta' Fatima, La Sallette u anke ta' Pinu. Ta' Pinu hija l-unika rivelazzjoni privata f'Malta u Għawdex li ġiet rikonoxxuta mill-konferenza episkopali Maltija. L-istess Santwarju ta' Pinu huwa xhieda tad-devozzjoni u l-imħabba straordinarja li wrew l-isqfijiet ta' dawn il-gżejjer matul dawn l-aħħar 125 sena.

4. Hemm fenomeni li għad li forsi ħafna jaċċettawhom bħala veri, iżda l-Knisja għadha ma tkellmitx b'mod uffiċjali dwarhom. Bħal dawn insibu bosta fosthom anke riċenti. F'dawn il-każi n-nisrani għandu jevita l-estremi: la ħeġġa żejda u anqas xettiċiżmu assolut. Naħseb li l-aħjar atteġġjament ikun dak tas-silenzju sakemm il-Knisja tagħti l-verdett tagħha. Għal dawk il-persuni nvoluti direttament, jekk dan il-fenomenu qiegħed iressaqhom lejn Alla u lejn il-Knisja ma hemm xejn ħażin li jibqgħu miftuħa għalih, sakemm dan kollu jseħħ f'ubbidjenza lejn dak li tgħid il-Knisja. Anke jekk dawn il-persuni jgħaddu minn xi mumenti ta' prova, żgur li Alla f'ħinu u f'waqtu juri l-verita`. Dawk il-persuni li jsegwu dawn il-fenomeni bla ma huma nvoluti direttament fihom, jeħtieġ li jħarsu l-ubbidjenza lejn il-Knisja. Jekk iridu jkomplu jsegwu l-allegat fenomenu straordinarju jistgħu jagħmlu dan bla ma jħossuhom superjuri għall-oħrajn jew jobbligaw l-oħrajn biex jemmnu dak li qegħdin jesperjenzaw huma.

5. Dwar dawk il-fenomeni li l-Knisja qaltilna ċar u tond li ma humiex ġejjin minn Alla ma hemmx wisq x'wieħed jgħid. Ikun jiżbalja n-nisrani li jwebbes rasu u jibqa' jsegwi dawn il-fenomeni.

Rigward il-fenomeni li huma aċċettati mill-Knisja universali jew lokali, għad li għedna li wieħed mhux obbligat li jemminhom, għaliex ma humiex dogma ta' fidi, iżda ħadd ma' jista' jmieri l-fatt li dawn is-santwarji l-kbar tal-Madonna huma miraklu ħaj. Jien bħala saċerdot li niżvolġi parti mill-ministeru tiegħi fis-santwarju Ta' Pinu nixtieq ngħid li l-akbar mirakli li jseħħu f'dan is-santwarju ma humiex dawk ta' fejqan fiżiku li jseħħu kull tant. Għalija huwa aktar ta' l-għaġeb il-fejqan spiritwali li jseħħ kuljum. B'fejqan spiritwali nifhem b'mod speċjali konverżjonijiet kbar li jseħħu ta' kuljum fis-silenzju. Inżid ukoll insemmi il-kwantita` kbira ta' nies li ġew f'dan il-post f'mumenti partikulari tal-ħajja tagħhom u ħassew lil Alla fil-qrib tagħhom.

Nikkonkludi billi ngħid li permezz tad-dehriet jew rivelazzjonijiet privati awtentiċi Alla jrid jurina li għadu qrib tagħna. J'Alla l-esperjenza tas-santwarji li tant swiet ta' ġid għall-Knisja tkompli twassal bosta bnedmin lejn Alla permezz ta' Ommna Marija.◆

**Riferenza**


[1] G. Gozzellino, *Maria nella fede e nella vita della Chiesa,* Centro Mariano Saleziano, Torino 1988, pp. 28-29.





# Dehriet importanti tal-Verġni Marija

miġbura minn Marija Attard

Ftit huma d-dehriet tal-Madonna li huma uffiċjalment approvati mill-Knisja. Minħabba l-ispazju limitat ser insemmu xi uħud mid-dehriet l-aktar sinjifikattivi li niltaqgħu magħhom matul iż-żminijiet:

**1251 Aylesfor** - Ingilterra. Fis-16 ta' Lulju, il-Madonna tidher lil San Xmun Stock u tatu l-iskapular tagħha. Li jfisser stedina biex in-nisrani jibni l-ħajja tiegħu fuq il-virtujiet ta' Marija. Din il-ġrajja hija magħrufa bħala d-dehra tal-Madonna tal-Karmnu.

**1531 Guadalupe** - Messiku. Is-Santwarju l-aktar frekwentat fid-dinja hu dak ta' Guadalupe fit-tarf tal-belt tal-Messiku. Is-Santwarju tas-Sinjura l-aktar maħbuba. Il-Madonna dehret l-ewwel darba fl-1531 lill-umli Juan Diego di Cuatilan. Marija afdat lil-Juan messaġġ mimli tenerezza u ħalliet bħala rigal ix-xbieha tagħha fuq il-mantel, fardal ta' San Juan Diego. Sal-lum wieħed għadu jista' jara din ix-xbieha fis-Santwarju ta' Guadalupe. Kważi 20 miljun pellegrin mill-Amerika Latina jmorru jinvistaw lil Marija b'rikonoxxenza u venerazzjoni profonda.

**1830 Pariġi** - Franza. Marija dehret 3 darbiet lil Katerina Lareure`, novizza tas-sorijiet tal-Ordni tal-Karita`. L-ewwel darba l-Anġlu Kustodju ħadha fil-knisja tal-kunvent fejn rat Sinjura maestuża li fid-dehra ta' wara tatha l-missjoni li tagħmel xbieha tagħha f'dik id-dehra u tqassamha. Din ix-xbieha hija dik magħrufa bħala l-Midalja Mirakuluża.

**1846 La Salette** - Franza. Żewġ rgħajja Massiminu u Melanja li raw lill-Verġni Marija tibki u li lilhom ħallitilhom messaġġ.

**1858 Lourdes** - Franza. Bernadette, tfajla ta' 14 il-sena, għal 18-il-ġurnata, tara l-Madonna u li din tgħidilha li l-Isem tagħha huwa l-**Immakulata** u tirċievi l-messaġġi minn għandha.

**1871 Pontmain** - Franza. Fis-17 ta' Jannar, fil-waqt li kulħadd kien imwerwer mill-biża' ta' gwerra bejn Franza u l-Prussja, xi tfal mir-raħal ta' Ponmain raw lill-Verġni Marija li stednithom għat-talb u għall-fiduċja. Baqgħu mpressjonati mill-ħarsa doloruża li hi tefgħet lejn il-Kurċifiss. Illum, il-Bażilika ta' Port main mhix biss post ta' pellegrinaġġi iżda saret ċentru fejn isiru laqgħat Marjani-Ekumeniċi.

**1917 Fatima** - Portugal. Tliet rgħajja Luċija, Franġisku u Ġiaċinta huma l-protoganisti ta' ħafna dehriet tal-Madonna. Huma ġew imħeġġa biex jagħmlu l-penitentza u jgħidu t-Talba tar-Rużarju għall-konverzjoni tal-midinbin u l-paċi fid-dinja.

**1932 Beauraing** - Belġju. Mid-29 ta' Novembru 1927 sat-23 ta' Jannar 1933. Ħames tit-tfal mir-raħal ta' Beauraing raw l-Immakulata għal 33 darba. Hi stednithom biex jitolbu u jmorru pellegrinaġġ f'dak il-post.

**1933 Benneux** - Belġju. Mariette, ta' 12 il-sena tara lill-Verġni Marija għall-8 darbiet. Hi tippreżenta lilha nfisha bħala "*..il-Verġni tal-foqra*" li ġiet "*...biex intaffi s-sofferenzi tad-dinja*".

**1953 Sirakuża** - Sqallija-Italja. Xbieha tal-ġibs tal-Madonna ixxerred id-dmugħ f'dar ta' familja modesta.

Ikompli f'paġna 13

# Restawr fuq pitturi ta' Emvin Cremona fis-Santwarju ta' Pinu

*mir-restawratur Godwin Cutajar*

## Storja u Teknika:

Il-pittura "Depożizzjoni ta' Kristu" ta' daqs 120cm X 97cm hi magħmula fuq it-tila b'żebgħa li probabbli għandha ż-żejt bħala legant. It-tila hi t'għamla industrijali, bi preparazzjoni lewn abjad u fina ħafna. Il-pittura hi maħduma b'velaturi opaki, b'impasti ta' żebgħa fil-partijiet ċari. L-istrat pittoriċi (preparazzjoni u żebgħa) huma tant fini li n-nisġa tat-tila għadha tidher fuq il-pittura. Iż-żona tas-sema hi miżbugħa bil-porporina. Il-pittura m'hix iffirmata u anqas fiha s-sena li fiha saret.

Jista' jkun li għal dan il-kwadru, l-artist beda b'xi skema ta' lwien li mbagħad biddilha. Jidher li fil-bidu l-libsa tal-Madonna jew partijiet minnha kienu ta' lewn ikħal car (rit. 1), filwaqt li taħt il-lewn safrani ta' Kristu, jew partijiet minnu, hemm ukoll lewn griż. Jista' jkun ukoll li dan il-griż kien il-liżar li fil-bidu kien għaddej mod ieħor milli hu issa (rit. 2 u 3).

Fejn in-nieqes taż-żebgħa jinzerta mal-perimetru ta' xi forma, ma tidher ebda parti mid-disinn tal-bidu, jekk kien hemm, li Cremona seta' ħażżes biex jibda l-pittura (rit. 2 u 3).

Din il-pittura, bħal dawk ta' qabilha, għandha burdura ta' tila mhix impittra magħha kollha biex tkun tista' tinġibed, u din il-burdura ġa fiha toqob żgħar li juru li setgħet ġa kienet miġbuda xi darba fl-imgħoddi.

Il-pittura ma jidhirx li kellha xi nterventi ta' konservazzjoni u restawr qabel dan preżenti.

## Stat ta' Konservazzjoni:

Il-pittura hi fi stat ħażin ħafna ta' konservazzjoni (rit. 4 u 5). It-tila hi mherrija u tilfet għal kollox l-elastiċita` tagħha u għalhekk mhux ħafif li tinġibed fuq tilar. Bosta żebgħa u porporina, kif ukoll ħafna mill-istrat preparatorju waqgħu u ntilfu. Fiha ħafna rqajja ta' żebgħa li tħarrku minn posthom u weħlu f'postijiet oħra kif ġie ġie, irqajja li jistgħu anqas huma minn dan il-kwadru u forsi ġew minn xi kwadru ieħor ta' l-istess sett (rit. 1). Minħabba li kienet imrambla tul in-naħa l-qasira u jista' xi darba ġie mpoġġi fuqha xi piż tqil, il-tila u ż-żebgħa għandhom xi ksur tul l-assi li kienu mrambla fuqu.

## Konservazzjoni u Restawr:

Kien meħtieġ l-ewwel li l-pittura tiġi msahha strutturalment b'intervent ġenerali u mod kif dan seta' jsir hu li l-pittura titwaħħal fuq tila ġdida.


Rit. 1


Rit. 2


Rit. 3



GRAZZI LIL BANK OF VALLETTA LI QED JIFFINANZJA

Il-pittura għalhekk twaħħlet fuq xkora "pattina" b'sistema u kolla tradizzjonali u kemm jista' jkun tbaxxew ukoll id-deformazzjonijiet superfiċjali li kellha. Imbagħad ġiet miġbuda fuq tilar ta' l-injam li għandu ġonot espandibli bil-kavilji.

In-naħa l-impittra ġiet imnaddfa b'sistema mekkanika u kimika. L-irqajja taż-żebgħa li kienu tħarrku minn posthom u weħlu mal-kwadru ġew imneħħija u billi l-għamla tagħhom hi fina ħafna ma kienx ħafif li jiġu konservati. Ingħatat varniċ ħafif.

Dwar il-mili tal-partijiet nieqsa taż-żebgħa u ta' l-istrat preparatorju kellha ssir għażla fejn jimtela u fejn le, ħalli l-mili jgħin u mhux itellef mil-lettura ċara ta' din il-pittura:

- Ħafna mill-partijiet nieqsa taż-żebgħa setgħu jiġu mimlija għax il-kuntest tagħhom kien ċar u dan il-mili sar b'żebgħa tal-varniċ b'konsistenza ta' velaturi opaki. Xi partijiet fejn il-preparazzjoni wkoll kienet nieqsa ġew l-ewwel mimlija bi stokk għax kienu fondi.
- Partijiet oħra nieqsa taż-żebgħa u ta' l-istrat preparatorju li kienu fuq partijiet tal-ġisem bħal ħalq, għajn u wkoll sider Kristu ma kienx ħafif jimtlew u tħallew bl-istrat preparatorju jidher. Hawn fejn l-istrat preparatorju kien nieqes, jiġifieri kienet tidher ix-xkora oriġinali ta' lewn kannella ċar, ġie mimli bl-istokk abjad ukoll ħalli jitgħatta l-lewn kannella ċar tax-xkora oriġinali li kien itellef xi ftit. Dawn iż-żoni bajdanin ġew mogħtija velatura ħafifa ħafna ta' żebgħa tal-varniċ biex taqta' ftit mill-bjuda tagħhom.
- F'nofs il-grupp tat-tliet figuri fuq ix-xellug li tinkludi parti mil-liżar ta' Kristu l-irqajja ta' żebgħa u ta' l-istrat preparatorju neqsin kienu wisq qrib xulxin, u għalhekk biex l-intervent tar-restawr ma jkunx "tqil", hawn tħallew xi partijiet tax-xkora oriġinali jidhru li kollox ma' kollox jidħlu mhux ħażin fil-kuntest kollu.
- Il-partijiet nieqsa fl-isfond dehbi ġew mimlija b'taħlita ta' żebgħa tal-varniċ b'konsistenza ta' velaturi trasparenti ftit iżjed ċara mill-kuntest ("a sotto tono").


Rit. 6

Dan ix-xogħol ta' konservazzjoni u restawr sar bejn Frar u Novembru 2007.

## Konservazzjoni Preventiva:

Il-pittura konservata u restawrata (rit. 6) għandha tiġi osservata kull 6 xhur fuq quddiem kif ukoll fuq wara ħalli jekk maż-żmien jidher fiha xi dannu, jiġi trattat qabel ma tikber il-ħsara. ♦


Rit. 4


Rit. 5



R-RESTAWR TA' DAWN L-OPRI TA' L-ARTI TA' EMVIN CREMONA

# Stedina Marjana: *"Isimgħu Lilu..."*



**minn Patri Anton Farrugla**

Din is-sena, il-Knisja f'Malta u Għawdex qiegħda tfakkar il-125 sena mis-sejħa tal-Madonna *Ta' Pinu* lil Karmni Grima u lil Franġisk Portelli.

150 sena ilu, fl-1858, Marija dehret ġewwa Lourdes fi Franza lil waħda tfajla jisimha Bernardette Soubirous illi meta staqsiet lill-Madonna min kienet, weġbitha li hija l-Immakulata Kunċizzjoni.

Matul is-snin kienu rappurtati diversi dehriet tal-Madonna. Xi wħud baqgħu magħrufa aktar minn oħrajn bħal dawk li seħħew ġewwa Fatima fil-Portugal fis-sena 1917 u li flimkien mad-dehriet ta' Lourdes nistgħu ngħidu li huma l-iżjed popolari mal-pellegrini li jżuru s-santwarji marjani.

Ma' dawn id-dehriet li ġew approvati mill-Knisja, tajjeb ngħidu li hemm *dehriet* oħra tal-Madonna li għadhom qegħdin jiġu mistħarrġa. Jibqa' l-fatt li kull fejn dehret Marija jew għamlet xi sejħa partikulari, dan il-post żviluppa f'ċentru ta' pellegrinaġġi fejn in-nies tmur tara mqanqla mill-fidi jew sempliċement mill-kurżita`. Imma xi trid tgħid il-Madonna meta tidher jew tagħmel sejħa lil xi ħadd? Il-fatt stess li d-dehra jew is-sejħa ssir lil xi ħadd - u mhux lil kulħadd - jurina li dawn huma qabel xejn rivelazzjonijiet privati u għaldaqstant ma jistgħu qatt jitqiegħdu fuq l-istess livell tar-Rivelazzjoni l-kbira ta' Alla li wera lilu nnifsu meta bagħat lil Ibnu fid-dinja biex jifdina. Imma Alla għoġbu li l-Iben tiegħu jsir bniedem u jgħammar fostna permezz ta' Marija kif jgħidilna l-Appostlu Missierna San Pawl: *"meta waslet il-milja taż-żminijiet, Alla bagħat lil Ibnu mwieled minn mara* (Gal 4,4).

Il misteru ta' Kristu huwa maqgħud daqshekk mill-qrib ma' Ommu Marija li ma nistgħux nifirduhom minn xulxin. Il-Madonna kif ġiet imfissra tant tajjeb fl-ikonografija bikrija turina l-ħin kollu lil binha Ġesu` biex kif qalet lill-qaddejja fit-tieġ ta' Kana, aħna wkoll nagħmlu *"kull ma jgħidilna Hu"* (Ġw 2,5). Mhux ta' b'xejn għalhekk li fid-dehriet tagħha f'din id-dinja, s-sejħa ta' Marija hija dejjem l-istess waħda biex aħna ngħixu l-kliem ta' Ġesu` fil-Vanġelu. Meta waħda mara minn qalb il-folla qalet lil Ġesu`: *"imbierek il-ġuf li ġiebek u s-sider li rdajt"*; il-Mulej kien pront weġibha: *"imberkin aktar dawk li jisimgħu l-Kelma ta' Alla u jagħmluha"* (Lq 11, 27-28). Bla dubju ta' xejn, fost dawn l-imberkin hemm qabel kulħadd il-Verġni Marija, dik li fi kliem il-qaribha tagħha Eliżabetta hija mbierka, proprju għax *"emmnet li jseħħ kull ma bagħat jgħidilha l-Mulej"* (Lq 1, 45). Dan kollu jwassalna biex nagħmlu mistoqsija serja: kemm aħna attenti għas-smigħ tal-Kelma t'Alla meta din tiġi mħabbra lilna mill-Knisja fiċ-Ċelebrazzjoni tal-Misteri Qaddisa?

Il-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzjoni li titkellem dwar il-Liturġija mqaddsa jgħidilna li *Kristu hu preżenti fil-Kelma tiegħu, għaliex huwa Hu li jitkellem meta fil-Knisja tinqara l-Iskrittura Mqaddsa* (Sacrosanctum Concilium, 7). Jekk nemmnu tabilħaqq li Kristu huwa dak li jkun qiegħed ikellimna meta fil-Quddiesa jinqrawlna l-Kotba Mqaddsa, kemm għandna

qalbna mħeġġa biex nagħmlu dak li jgħidilna Ġesu`?

Marija hija l-Verġni li tisma' u tilqa' bil-fidi l-Kelma ta'Alla. Santu Wistin jgħidilna li l-Madonna nisslet fi ħdanha u tat lid-dinja l-Feddej għaliex emmnet fil-Kelma li mar jgħidilha l-Mulej permezz ta' l-Anġlu. Marija l-ewwel nisslet il-Kelma fil-qalb tagħha u wara fil-ġuf, hekk li setgħet tgħid lil Gabrijel: *ara jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skond kelmtek* (Lq 1, 38).

Il-Mulej Ġesu` jqis bħala ommu u ħutu "*dawk li jisimgħu l-Kelma ta' Alla u jagħmlu li jgħid Hu*" (Lq 8, 21). Għaldaqstant x'inhu l-atteġġjament tagħna quddiem dan il-misteru kbir tal-Kelma? Jekk kif jgħid il-Profeta Iżaija (ara Iż 55, 10-11), l-art li tissaqqa mix-xita tnibbet, jista' jkun li aħna semmiegħa torox tal-Kelma ta' Alla, jekk quddiem din il-Kelma nibqgħu li nkunu?

Il-Madonna ġiet mitluba temmen li dak li kienet se tnissel fiha bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, kien l-Iben tal-Missier. Fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija Mqaddsa, aħna niġu mitluba nemmnu li l-istess Iben t'Alla u Iben Marija, jagħmel lilu nnifsu kollu kemm hu preżenti fix-xbihat tal-ħobż u ta' l-inbid. Il-Ġisem li Kristu offra b'sagrifiċċju fuq l-artal tas-Salib u li jiġi mġedded fis-sagrifiċċju Ewkaristiku ta' l-artal huwa l-istess Ġisem li Ġesu` rċieva mingħand ommu Marija meta beda jissawwar fiha bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu.

Il-Madonna hija l-imbierka fost in-nisa kollha għaliex nisslet fil-ġuf tagħha l-Iben ta' Alla, madankollu aħna xejn anqas m'aħna mberkin jekk nieħdu bis-serjeta` t-tqarbina li nagħmlu bil-Ġisem ta' Kristu. Jekk miraklu kbir kien it-tnissil verġinali ta' Ġesu` fil-ġuf ta' Marija, kemm hija ħaġa tassew kbira u ta' l-għaġeb l-istedina li jagħmel is-saċerdot f'kull Quddiesa meta filwaqt li juri l-Ewkaristija mqaddsa jgħid: *Imberkin dawk li huma mistiedna għall-ikla tal-Ħaruf.* Hemm xebħ kbir bejn l-"*iva*" li l-Madonna qalet lil Anġlu u dik l-"*Amen*" li b'tant fidi għandna ngħidu meta nitqarbnu!

Kif imur jikteb San Franġisk t'Assisi: "*kemm għandu jkun qaddis, ġust u denn dak li jilqa' f'idejh, jirċievi f'fommu u f'qalbu u jagħti lil oħrajn mhux aktar lil Dak li se jmut imma li hu rebbieħ u igglorifikat għal dejjem*".

Nistgħu ngħidu li meta l-Verġni Marija li kienet qed iġġor ġewwa fiha lil binha Ġesu`, marret iżżur lil qaribha tagħha Eliżabetta, hija saret l-ewwel missjunarja li marret tħaffef twassal lil Ġesu` għand l-oħrajn.

Kull ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija tintemm b'mandat preċiż: *Morru fil-Paċi ta' Kristu.* Fl-aħħar tal-Quddiesa aħna mibgħutin inwasslu l-aħbar ta' ferħ li hi Kristu lil oħrajn. Kif il-wasla ta' Ġesu` fil-ġuf Marija qanqlet bil-ferħ saħansitra lil Ġwanni l-Battista li kien għadu fi ħdan ommu Eliżabetta, hekk ukoll il-laqgħa tagħna mal-Mulej fil-Kelma tiegħu u fil-Qsim tal-Ħobż, trid tissarraf f'aħbar ta' ferħ li rridu nwasslu lil oħrajn.

Xi wħud kollha entużjażmu u mmexxija minn sentimentaliżmu żejjed imorru jiġru wara l-Madonna bit-tama li jaraw xi miraklu jew jirċievu xi messaġġ u qed jinsew li l-messaġġ jingħatalna kuljum fil-Kelma ta' Alla li nisimgħu u l-ħobż u l-inbid mibdula fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu li jingħata għall-maħfra tad-dnubiet. Spiss jiġrilna li ninsew il-messaġġ Evanġeliku tal-Verġni Marija: "*Agħmlu kull ma jgħidilkom Hu*" u l-kliem innifsu ta' l-Iben ta' Alla u l-Iben ta' Marija, meta jgħid: "*Agħmlu dan tifkira tiegħi*".♦

---

ikompli minn paġna 9

**1981 Medjugorje** - Bosnia Herzegovina. Fost id-Dehret riċenti u li attwalment huma f'fażi ta' studju hemm dik ta' Medjugorje. Fl-24 ta' Ġunju 1981, il-Verġni Marija,minn dawl qawwi tidher lil żewġt'itfal subien u bniet, Sarammo, u Vicka partikularment huma l-messaġġiera tagħha. Hi titlob il-konverzjoni, t-talb u s-sawm. Fost il-ħafna messaġġi hemm dak tal-25 ta' April 1995, meta talbithom li jsejħulha 'Reġina tal-Paċi'. Dawn id-dehriet għadhom sejrin.

"Għeżież Uliedi, isimgħuni, nistendinkom biex ikollkom aktar fidi u fiduċja f'Alla li jħobbkom bla limitu. Uliedi intom ma tafux tgħixu fil-grazzja t'Alla, għalhekk nistedinkom mill-ġdid sabiex iġġorru f'qalbkom il-Kelma ta' Alla. Uliedi poġġu l-Iskrittura f'post ċentrali fil-familja tagħkom; u aqrawha u għixuha..."♦

# Id-dehriet Marjani fid-dawl tal-Kelma t'Alla u fl-esperjenza ta' Missirijiet tal-Knisja

*mill-Arċ. Carmelo Refalo*



**"La xxekkilx l-Ispirtu. Tiddisprezzawx lil min jipprofetizza: għarblu kollox, żommu t-tajjeb."** (1 Tess. 5: 19-21)

### *Id-dehriet u r-rivelazzjonijiet fl-ewwel sekli tal-Knisja*

L-ewwel sekli Kristjani jippreżentaw sensiela li ma taqtax ta' nies li jkollhom dehriet, kif ukoll ta' nies li jġorru messaġġi u rivelazzjonijiet.

Hekk jiġri fil-komunitajiet nsara tat-II seklu, li jgħixu l-passaġġ mill-istruttura apostolika u profetika għal stuttura pastorali u ġerarkika fejn l-istituzzjoni kariżmatika tgħaddi minn kriżi, madankollu tkompli tkun privileġġjata u ppreferita, per eżempju mid-Didache, li skond kitbietu l-isqfijiet u d-djakni *"jwettqu l-istess ministeru tal-għalliema u tal-profeti"* (XV, 1); l-istess dokument jissoponi numru relevanti ta' profeti, għaliex ipoġġi alarm quddiem il-profeti foloz, liema profeti d-Didache isejħilhom *"dawk li jagħmlu l-kummerċ f'isem Kristu"* (XII, 5).

Il-linja mal-kitba apokalittika, kemm ir-*Ragħaj* ta' Erma, kif ukoll l-*Axxensjoni ta' Iżaija*, it-tnejn awturi u kittieba tat-II seklu, jippreżentaw rakkonti u ġrajjiet ta' viżjonijiet u dehriet, li għalihom iwissu biex wieħed joqgħod attent u jaħrab minn żbalji li jistgħu jseħħu qabel it-tieni miġja tal-feddej fil-parusija (*Axxensjoni ta' Iżaija* III, 31); ta' min iwarrab u jevita lill-profeti foloz jew psewdo-profeti li jaġixxi bħala sħaħar, *"lil dak li ma għandux ġo fih l-ispirtu ta' Alla - li ma jafx iwieġeb għad-domandi li jsirulu jekk mhux bi ftaħir uman: possibbli l-Ispirtu divin ser jaċċetta l-flus biex hekk ikun jista' jipprofetizza?"* (*Ir-Ragħaj* ta' Erma, XI)

Lejn is-sena 172 tfaqqa fl-orjent l- *"profezija l-ġdida"* ta' Montana u xi nisa oħra li kienu jżommu li kellhom żjajjar esklussivi u uniċi mill-Ispirtu s-Santu. Huma kienu jidħadtu f'ismu waqt l-aġitazzjoni ta' estasi. Kif josserva L. Volken *"kien aktar faċli, bil-protest li tikkumbatti l-profezija l-ġdida, u tikkundanna kull xorta ta' profetiżmu. Imma l-komunitajiet insara u l-knejjes ma ċedewx għal din it-tentazzjoni."* [1]



Lejn is-sena 180-192 San Irinew jelenka l-viżjunarji f'lista ta' doni li jista' jkollu n-nisrani: *"Il-veri dixxipli ta' l-Iben t'Alla 'in virtu'' ta' ismu u tal-grazzja li jirċievu jwettqu ħidma tajba lejn l-oħrajn fid-doni li Alla jkun*

*żejjinhom bihom. Uħud ikeċċu x-xjaten - oħrajn ibassru l-ġejjieni, oħrajn ikollhom dehriet jew kelmiet profetiċi.*"[2]

L-istess S. Irinew jafferma li "*dawk li għandhom spirti foqra li ma jridux jammettu lill-profeti foloz, qed iċaħħdu lill-Knisja il-grazzja tal-profezija*" u hekk jaqgħu fid-dnub li ma jinħafirx, jiġifieri d-dnub kontra l-Ispirtu s-Santu.[3]

Id-dehriet isawwru l-ħajja ta' San Ċiprijanu ta' Kartaġni (+285) li saħansitra jsemmi dehriet u viżjonijiet lit-tfal: "fostna l-eta` l-aktar tenera u innoċenti tirċievi mill-Ispirtu qaddis, dehriet li jseħħu fil-qalba tal-lejl jew fil-qalba tal-jum u f'dawn l-estasi tara b'għajnejk u tisma' jew tgħid dawk il-ħwejjeġ imnebbħa skond kif il-Mulej irid jiffurmana jew iwissina." (Ittra 16, 4) [4]

## *Id-dehriet Marjani fil-bidu tal-Knisja*

X'atteġġjament kellhom il-Missirijiet tal-Knisja quddiem dan il-fenominu? Niġbed l-attenzjoni immedjatament biex ngħid li jeżistu rakkonti ta' ġrajjiet li jitkellmu minn dehriet marjani u oħrajn li jwasslu messaġġi mis-sema. Naċċennaw għal xi wħud minnhom.

Tlett ijiem wara l-mewt jew id-dormizzjoni tagħha, lill-appostli li talbu l-għajnuna u l-interċessjoni tagħha, il-Madonna dehritilhom u qaltilhom Jiena nibqa' magħkom sa l-eternita`!"

Fil-Belt ta' Ruma, koppja li kienu sinjuri imma li ma kellhomx tfal sejħu lill-Verġni Marija bħala werrieta ta' ġidhom. Fil-lejl ta' bejn l-4 u l-5 ta' Awissu Marija dehret lil din il-koppja u kontemporanjament lill-Papa Liberju (+366) u tesprimi f'din id-dehra x-xewqa li tinbena Knisja fuq l-Esquilino f'Ruma sewwa sew fejn illum hemm il-Bażilika ta' Santa Marija Maggiore. [5]

Mhux faċli titkellem fuq affermazzjoni u narrazzjonijiet ta' ġrajjiet simili mill-istil u l-anonimat tal-"Fontes" li jidher li dawn il-ġrajjiet (bħal fir-rakkonti li nsibu fil-kotba apokrifa) m'għandhomx pretesti preċiżi dwar l-istoriċita`, imma huma sempliċiment mod biex jesprimu r-rapport intimu li kien jeżisti bejn l-omm ta' Ġesu` u l-ewwel ġenerazzjonijiet Kristjani.

Minn naħa l-oħra jeżistu rakkonti ta' dehriet li wieħed irid jifliħom bir-reqqa għaliex jiksbu kredibilita` għall-fatt li dawn il-ġrajjiet huma attribwiti lill-Isqfijiet u kittieba storiċi famużi ta' dak iż-żmien. Mhux hekk biss, dak li jgħaġġeb huwa l-fatt li dawn it-teologi kbar mhux biss tkellmu minn dawn il-fenomini imma ħarsu lejhom u trattawhom bil-mod l-aktar naturali u bl-akbar sempliċita`.



**San Girgor ta' Nissa**, wieħed mis-Santi Padri l-kbar u teologu ta' Knisja antika, li fil-"*Ħajja ta' San Girgor Tawmaturgu*", Isqof li għex fis-seklu III, jirrakkonta kif dan il-qaddis kien jgħaddi minn tbatijiet kbar għaliex ma setax jifhem permezz tar-raġuni u jesprimi bil-kliem definizzjoni korretta tat-tagħlim marbut mad-domma Trinitarja. Darba minnhom bil-lejl

jidhrulu fil-ħolm żewġ personaġġi, raġel u mara; ir-raġel San Ġwann l-Evanġelista li spjegalu tagħlim marbut mat-Trinita` Mqaddsa, dan min-naħa tiegħu isejjaħ ħdejh lill-Verġni Imbierka biex tkun hi li tagħtih tagħlim u tagħrif dwar id-duttrina marbuta mas-Santissima Trinita`. [6] Dan l-episodju għandu importanza mhux żgħira għax huwa l-ewwel u l-eqdem rakkont marbut ma' dehra li permezz tagħha nittribwixxu lill-Verġni Mbierka t-titlu ta' *sedes sapientiae* - minħabba l-għerf u d-dawl li kapaċi tgħaddielna biex nidħlu u ngħixu l-misteri tal-fidi tagħna.

L-istoriku **Sozomeno** (+ wara 450) jikteb li San Girgor Nazjanzenu (+ . 390), mal-wasla tiegħu fil-belt ta' Kostantinopli kellu bħala post għall-kult dar privata, għaliex il-knejjes kollha kienu f'idejn l-Arjani. Dan is-Santwarju żgħir seta' jiġi estiż u mkabbar sa ma sar post kbir u ċelebri ta' pellegrinaġġi "minħabba l-grazzi bla ma jaqtgħu ta' dehriet mis-sema. Difatti hawn tinħass qawwa divina - hawn tingħata għajnuna lil dawk li huma imtaqqla u depressi, tingħata għajnuna mill-morda u ħarsien minn kull tip ta' disgrazzja. Hu jżomm li din il-qawwa divina waslet permezz ta' l-Imqaddsa Marija Omm Alla. Jingħad li mhux darba jew tnejn seħħew dehriet tal-Verġni Marija". [7]

**San Girgor, Isqof ta' Tours** (+ 594) jirriferixxi għal żewġ dehriet ta' l-Omm t'Alla, dehra li seħħet lil wieħed avukat u dehra oħra lil San Martin fl-agunija tiegħu. [8]

**San Girgor il-Kbir** (+ 604) wieħed mill-Papiet il-kbar ta' l-istorja, jirrakkonta kif Marija dehret matul il-lejl lil waħda tfajla tħabbrilha l-mewt imminenti tagħha. [9]

Rakkont ieħor dwar dehra tal-Madonna insibuh fil-ħajja ta' San Ildefonso minn Toledo (+ 567). [10]



Dawn id-dehriet msemmija f'dawn ir-rakkonti li minn Alla waslu fl-istorja permezz ta' Ommna Marija huma sejħa għal "*prudenza*" kbira sabiex nagħtu prijorita` u ċentralita` fuq kollox lill-messaġġ mibni fuq il-Kelma t'Alla.◆

**Riferenzi**


1 L. Volken, *Le rivelazioni nella Chiesa*, Paoline, Roma 1963, 66.
2 S. Irineo, *Adversus Haereses* II, 49, 3.
3 *Ivi* III, 11, 9.
4 S. De Fiores, voce *Veggente*, in NDS, 1667-1668.
5 Cf. G. G. Hierzenberger - O. Nedemansky, *op. Cit.*, 51, 52, 54.
6 Gregorio di Nissa, *Vita di s. Gregorio Tawmaturgo*: TMPM I, 330.
7 Sozomeno, *Storia ecclesiastica*, 7, 5: TMPM I, 522.
8 Gregorio di Tours, *Libri dei miracoli* 1, 9: TMPM III, 605.
9 Gregorio Magno, *Dialoga* IV, 17: PL 77, 348-349.
10 Ildefonso di Toledo, *Vita s. Ildephonsi*: PL 96, 43-48.

# Lectio Divina...




## ***"Għarfuh fil-qsim tal-ħobż"***
**(Lq 24,35)**

*minn Dun Anton Teuma*

## 1. Statio

- Qabel ma tibda titlob, mur fil-post, fejn bi ħsiebek titlob u oqgħod bil-qiegħda għal 3 - 5 minuti, biex il-ġisem jonqos fir-ritmu tiegħu. Aħseb dwar x'ser tagħmel. Ġib quddiem għajnejk lil Karmni Grima, li tersaq lejn il-kappella "*biex tisma'*". Int ukoll ħejji ruħek biex tisma'.
- Inżel għarkubbtejk, rodd is-salib u pprova idħol fil-preżenza ta' Alla. Hu diġà qiegħed hemm! Kemm tinduna li qiegħed hemm!
- Itlob bil-mod it-talba tal-missierna. Itlob lil Madonna, il-Mara tal-Kelma, biex tidħol għalik quddiem Binha u biex bħalha tiftaħ qalbek beraħ għal dak li jrid jgħidlek il-Mulej.

## 2. Lectio:

Qum bil-wieqfa u aqra bil-mod s-silta tal-Iskrittura: Lq 24,13-35. Ikun aħjar jekk taqraha darbtejn.

**Tifsir tas-silta:**

- ***"Dak in-nhar stess"*** (Lq 24,13): *Luqa* jqassam il-kitba tal-Evanġelju tiegħu fuq tmien sibtijiet. Il-ġrajjiet tal-Qawmien u t-Tlugħ fis-sema, jiġru fl-aħħar Sibt, it-tminn wieħed, il-jum li ma jintemx. Id-dixxipli ta' Għemmaws jidħlu fl-esperjenza tal-Qawmien. Dan jagħmluh permezz tal-Kelma - "*U beda minn Mose` u l-Profeti kollha jfissrilhom kull ma kien hemm fl-Iskrittura fuqu*", u permezz tal-Ewkaristija - "*għarfuh fil-qsim tal-ħobż*".
- ***"tnejn minnhom"*** (Lq 24,13): Id-dixxipli ta' Għemmaws mhumhiex żewġ dixxipli kwalunkwe, huma tnejn tal-qalba,



*"tnejn minnhom"*, iffurmati minn Ġesu', li segwewh u li fih ittamaw. Tnejn minn dawk li semgħu lin-nisa jħabbrulhom il-qawmien.

- ***"sejrin lejn raħal jismu Għemmaws"*** (Lq 24,13): Id-dixxipli kienu stennew mingħand Ġesu' s-salvazzjoni, il-bidla tal-ġrajjiet, il-fejqan tal-mard, it-tneħħija tas-slaleb, is-soluzzjoni tal-problemi, aktar flus, aktar poplarita', aktar pożizzjoni fil-ħajja. Imma dan kollu spiċċa fix-xejn. Għalhekk iwarrbu minn Ġerusalemm lejn Għemmaws. Fl-Iskrittura, Ġerusalemm hi l-post tal-laqgħa ma' Alla, il-post tal-ferħ, tal-festa. *"Wieħed raġel kien nieżel Ġeriko minn Ġerusalem, u waqa' f'idejn il-ħallelin..."* (Lq 10,30).
- ***"Kienu jitħaddtu bejniethom fuq kull ma kien ġara"*** (Lq 24,15): Dak li ġara kien ċentrali għal ħajjithom. Importanti ħafna għalihom. Għalhekk kienu jitkellmu fuqu. Kienu mhux biss jitħaddtu iżda jitkixxfu (antiballete), jew aħjar "jitfgħu l-kliem għal xulxin". Kienu qegħdin ifittxu ta' min kienet il-ħtija. Ma setgħux jaċċettaw dak li ġara. Kienu mimlija dwejjaq u tbatija, u għalkemm kienu sejrin lejn Għemmaws flimkien, kienu mħawda u fin-nuqqas ta' qbil.
- ***"Ġesu' nnifsu resaq lejhom u baqa' miexi magħhom"*** (Lq 24,15): Meta huma kienu fil-konfużjoni u d-dwejjaq, Ġesu' jieħu l-inizjativa biex isalvahom. Hu jersaq lejhom u jimxi bil-pass tagħhom. *"Ittawwalt u smajt il-krib tal-poplu tiegħi fl-Eġittu u issa nieżel biex neħilsu"* (Es 3,7). Għal mument ma jgħid xejn, mhux invadenti, ma jobbligahomx idawru d-diskors, ma

jġgħalhomx iħossuhom fid-diffikolta`, iħossuh wieħed minnhom. Ġesu` jidħol fuq ponot subajgħ u bħala ħabib li għandu l-interess fid-diffikultajiet tagħhom. Fl-istess waqt, Ġesu` joqgħod jismagħhom biex jgħinhom jidħlu fil-fond tal-qalb tagħhom stess. *"Huma waqfu, b'ħarsa ta'niket fuq wiċċhom"* (Lq 24,17).

- ***"Dak li ġara lil Ġesu` ta' Nażaret, li kien profeta..."*** (Lq 24,19 21): Id-dixxipli jirrakkuntaw lil Ġesu` l-ġrajja kollha. Jgħidulu b'kollox: Ġesu` huwa profeta setgħan fl-għemil u fil-kliem, il-qassisin tawh f'idejn il-gvernatur għall-mewt, sallbuh. Jgħidulu li l-qabar vojt, li xi anġli dehru lin-nisa u qalulhom li hu ħaj. Jgħidulu l-"Kredu". Iżda għadhom ma jemmnux. Għad m'għandhomx il-kapaċita` li jħarsu lejn dak li jiġri bl-għajnejn tal-Iskrittura. Hemm bħal ħajt fil-qalb li għadu jrid jaqa'. Id-dixxipli aċċettaw biss nofs il-Vanġelu - it-twemmin li ma jinżilx fil-qalb, iżda jibqa' biss fil-moħħ. L-istess ġrajjiet li issa huma kawża ta' disperazzjoni u ta' falliment ser isiru minnhawn u ftit ieħor kawża ta' ferħ. Ġesu` kien tant qrib tagħhom li ma kienux kapaċi jarawh. Jinsab fiċ-ċentru ta' kull tbatija umana. *"Tassew, ngħidilkom, kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi"* (Mt 26,40).

- ***"Ja nies bla moħħ u tqal f'qalbkom biex temmnu kulma qalu l-profeti!"*** (Lq 24,25). Ġesu` jattakkahom bl-ikrah! S'issa kien kwiet, ma tkellemx, juru ruħu bħala ħabib li qed jifhem u jħoss magħhom. Issa f'daqqa jsir aggressiv, iċanfarhom! Hemm bżonn li jqajjimhom mir-raqda li kienu fiha. Jixxukkjahom billi jgħidilhom li għalkemm għamlu tliet snin miegħu kienu għadhom ma fehmu xejn.

- ***"U beda minn Mose` u l-Profeti kollha jfissrilhom kull ma kien hemm fl-Iskrittura fuqu"*** (Lq 24,27): Ġesu` bl-imħabba kollha issa jibda jurihom x'qalu Mose` u l-profeti, xi ġralhom in-nies il-kbar tal-Iskrittura. Kulma jiġri huwa f'idejn il-Missier, u kien fil-pjan tiegħu ta' ħelsien. Ifissrilhom kif Alla pprova lil Abram, kif ħeles lill-poplu mill-Egittu, kif għaddieh il-baħar u qasmu d-deżert. Ġesu` jibda jdaħħalhom bil-mod il-mod fl-intelliġenza tal-Iskrittura. *"Meta kont għadni magħkom għedtilkom dawn il-kelmiet, 'Jeħtieġ li jseħħ kull ma nkiteb fuqi fil-Liġi ta' Mose`, fil-profeti u fis-Salmi. Mbagħad fetħilhom moħħhom biex jifhmu l-Iskrittura."* (Lq 24,44-45). Mingħajr din l-intelliġenza Ġesu` msallab jibqa' skandlu u bluha.

- ***"Meta qorbu lejn ir-raħal fejn kienu sejrin hu għamel ta' birruħu li kien ser jibqa' sejjer..."*** (Lq 24,28): Dawk li qabel kienu jħaġġru lil xulxin bil-kliem issa jiftiehmu, f'Ġesu`. *"Ibqa' magħna Mulej"* (Lq 24, 29). Dak li qalilhom Ġesu` kien jagħmel sens, u għalkemm kienu għadhom m'għarfuhx bdew jintebħu li Ġesu` kien qed jagħtihom tama ġdida. *"Is-saltna tas-smewwiet tixbaħ lil teżor moħbi f'għalqa, li wieħed raġel isibu u jaħbih, u kollu ferħan imur ibigħ kull ma jkollu u jixtri dik l-għalqa"* (Mt 13,44). *"Ibqgħu fija, u jiena nibqa' fikom. Kif il-fergħa ma tistax tagħmel frott minnha nfisha jekk ma tibqax fid-dielja, hekk anqas intom jekk ma tibqgħux fija."* (ara Ġw 15,1-10). Jekk Ġesu` huwa magħna ma jkunx hemm aktar lejl.

- ***"Mbagħad daħal biex joqgħod magħhom. U waqt li kien fuq il-mejda magħhom, qabad il-ħobż, qal il-barka, qasmu u tahulhom. Imbagħad infetħulhom għajnejhom u għarfuh, iżda hu għab minn quddiemhom."*** (Lq 24,30-31): Ġesu` ħaj huwa preżenti fil-qsim tal-ħobż. *"Ara, jiena fil-bieb, u qiegħed inħabbat; jekk xi ħadd jismagħni u jiftaħli l-bieb, jiena nidħol għandu u niekol miegħu, u hu jiekol miegħi."* (Ap 3,20).

- ***"Dak il-ħin stess qamu u reġgħu lura lejn Ġerusalemm. Hemm sabu lill-ħdax u lil sħabhom miġbura flimkien, u dawn qalulhom:***

***'Il-Mulej qam tassew, u deher lil Xmun!' U huma wkoll tarrfulhom x'kien ġralhom fit-triq, kif kienu għarfuh fil-qsim tal-ħobż*"** (Lq 24,33-35): Il-Qsim tal-Ħobż huwa t-"*turning point*" fl-istorja tad-dixxipli ta' Għemmaws. Flok li jmorru jorqdu, id-dixxipli jerġgħu lura lejn Ġerusalemm. Hemm jaqsmu mal-ħdax l-oħra l-esperjenza sabiħa tal-laqgħa tagħhom ma' Ġesu` rxoxt, fit-triq lejn darhom u fil-qsim tal-ħobż.

# 3. Meditatio:

- Bħad-dixxipli ta' Għemmaws, aħna msejħin biex niltaqgħu ma' Kristu ħaj, illum. Wieħed minnhom kien jismu Kleofa, waqt li l-ieħor hu mingħajr isem... jista' jkun jien jew int.
- Spiss jiġrilna bħad-dixxipli: inħossuna mitluqin minn Ġesu`, propju fid-diffikultajiet tagħna. Iżda bħalma kien miexi sieket mad-dixxipli ta' Għemmaws, hu jkun miexi magħna. Ma jitkellemx, iżda b'imħabba kbira jħares lejna u jistenniena nagħrfu sewwa dak li qed jiġri fina. Id-dixxipli jagħrfu li huma kienu sempliċement qegħdin ifittxu s-sigurta` tagħhom.
- Ġesu` ma jbiddilx il-ġrajjiet iżda jgħinna nbiddlu l-mod ta' kif inħarsu lejhom. Il-miraklu jikkonsisti mhux fil-bidla tal-ġrajjiet tal-istorja skond kif nixtiquhom aħna, iżda fil-bidla tal-moħħ u l-qalb tagħna skond kif jixtieqhom Ġesu`.
- L-akbar problema tagħna hija li spiss insibu ruħna f'sitwazzjonijiet li jweġġgħuna, ma jogħġbuniex; u nibdew nistaqsu: imma għaliex? Għaliex jien? Alla fejnhu? Mhux jismagħni? Għaliex ma jurix lilu nnifsu? Kull darba li nsibu ruħna f'sitwazzjonijiet ġodda li ma konniex nistennewhom, titnissel fina tensjoni. U jkollna nerġgħu nibdew nifhmu mill-ġdid minhu Alla u x'inhi r-rieda tiegħu għalina.
- Meta Ġesu` jispjegalhom il-Liġi, il-Profeti u s-Salmi, id-dixxipli jimtlew bil-paċi tal-qalb. Is-smiegħ tal-Kelma t'Alla jġib il-komunjoni, l-għaqda u l-ferħ.
- Aħna nagħmlu esperjenza ta' Kristu rxoxt fit-Tminn Jum - **kull nhar ta' Ħadd**, permezz tal **Kelma** u l **Ewkaristija** u x **xhieda ta' mħabba** nisranija. Is-smiegħ tal-Kelma u ċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija u l-karita` huma "*turning point*" fl-istorja tagħna.

# 4. Oratio:

- Itlob lil Mulej jagħtik il-grazzja li tifhem u tħoss il-ġrajjiet ta' ħajtek fid-dawl tal-Kelma.
- Marija, li *"baqgħet tgħożż f'qalbha dan kollu"* (Lq 2,51 ) tagħtik il-grazzja li tasal biex tgħidlu bħalha: "*Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej, ħa jkun minni skond kelmtek*" (Lq 1,38)

# 5. Contemplatio:

- Għix l-esperjenza emottiva tad-dixxipli: "*Ma kenitx imħeġġa qalbna ġewwa fina, huwa u jkellimna fit-triq?*" (Lq 24, 32).
- Irrepeti f'qalbek: "*Ibqa' magħna Mulej għaliex issa sar ħafna ħin*". (Lq 24,29)

# 6. Actio:

Ara kif tista' tgħix aħjar, is-smiegħ tal-Kelma ta' Alla, iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija u x-xhieda tal-Imħabba, fil-jum tal-Ħadd.◆





# Sliem Għalik

*mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Nikol Ġ. Cauchi*

## Marija, għajn ta' ħniena

### San Ildefonzu ta' Toledu (617-667)

Isqof u kittieb, magħruf bħala *"it-teologu ta' Omm Alla"*, għall-opra prinċipali tiegħu fuq *"Il-Verġinita` ta' Marija"* li hija l-bażi tal-letteratura marjana Spanjola kollha kemm hi.

Sant'Ildefonzu twieled fil-belt ta' Toledo, fi Spanja madwar is-sena 607. Meta kien għadu żagħżugħ ħafna, daħal fil-monasteru Benedittin ta' San Kożma u Damjan, f'Agali, u iktar tard ġie magħżul bħala Abbati ta' dik il-komunita` reliġjuża. Fis-sena 657, sar arċisqof tal-belt fejn twieled u baqa' jrieġi dik id-djoċesi sa mewtu.

Barra mill-ħidma pastorali bla heda, Sant'Ildefonzu, għamel ukoll attivita` letterarja intensa. Miet fit-23 ta' Jannar tas-sena 667.

Kien magħruf, fuq kollox, għad-devozzjoni, kollha ħerqa li kellu lejn l-Imqaddsa Verġni Marija. Huma xhieda ta' din l-imħabba tiegħu, ċerti espressjonijiet li nsibu f'kitbietu, speċjalment fl-opra ewlenija tiegħu *"Liber de Virginitate perpetua S. Mariae, contra tres infideles"* (P.L.76,53-110). Dik l-opra, barra mill-prologu jew daħla, fiha wkoll tliet taqsimiet.

- Fl-ewwel taqsima, huwa, jwaqqa' t-tagħlim qarrieq ta' wieħed Lhudi li ismu ma jissemmhiex u taż-żewġ eretiċi, Ġovinjanu u Elvidju. Barra minn hekk, Sant'Ildefonzu, jiddefendi d-duttrina vera dwar il-verġinita` ta' Marija.
- Fit-tieni taqsima, hemm qisu trattat Kristologiku, li fih permezz ta' provi mill-Iskrittura Mqaddsa, juri li Kristu huwa verament Alla u l-Messija.
- Fit-tielet taqsima li tista' titqies bħala *"trattat ta' Marjologija"* jinsisti fuq żewġ punti fundamentali;
  - (i) Il-Maternita` Divina u l-prerogattivi tal-Madonna bħala Omm t'Alla.
  - (ii) Il-qima li tistħoqq lil Marija bħala Sultana ta' l-univers u li tikkonsisti fis-servizz li għandu jingħata lilha għaliex hija Omm t'Alla u għas-sehem tagħha fil-fidwa tagħna.

Fil-kapitlu tnax (12) ta' din l-opra insibu l-aqwa kitbiet taħt għamla ta' talb lil Marija li għad fadal mill-awturi ta' l-ewwel millenju. F'dawn it-talbiet ta' San Ildefonzu hemm referenza kemm għar-rabta bejn Marija u l-Ispirtu s-Santu kif ukoll dwar il-konsagrazzjoni ta' l-insara lill-Madonna.

San Ildefonzu bir-raġun kollu ġie msejjaħ *"id-Duttur tar-regalita` ta'Marija u tas-servitu` marjana."*

Kiteb diversi opri oħra ta' livell teoloġiku għoli, li fihom jinġabar il-wirt tradizzjonali tal-Missirijiet tal-Knisja l-iktar importanti. San Ildefonzu nebbaħ il-poeta spanjol Lope de Vega biex jikteb il-play bit-titlu *"El Capellan de la Virgen"* u kien ukoll is-suġġett ta' diversi pitturi u affreski ta' El Greco.

Din it-talba li hawn taħt hija meħuda mill-*"Libellus de Corona Virginis"* (Kap.IX, *igne Patrologia Latina*, 96).

Sant'Ildefonzu kien magħruf għat-titli mill-isbaħ li huwa kien joħloq biex bihom ifaħħar il-Verġni Marija (Theotokos). Ninnotaw f'din

it-talb, it-tixbihat magħżula li huwa vvinta sabiex ifaħħar u jqim lil Omm Alla u Omm il-bnedmin. Isejħilha fost l-oħrajn, wied ta' ħniena, xmara ta' sliem u ta' grazzja, Tron tal-maesta divina, tempju ta' Kristu, Għarusa tiegħu, fjur ta' sbuħija u titli oħra.

Jikkonkludi din it-talba billi jistqarr, li l-persuna illi tagħraf lil Marija, qatt ma tixba' tixtieq il-ħlewwa tagħha u għalhekk tħoss il-ħtieġa li tħobbha dejjem iktar u tkanta t-tifħir tagħha. Difatti, qatt ma naslu biex lill-Madonna nħobbuha daqs kemm jistħoqqilha, u li nfaħħruha kemm jixirqilha. Għalhekk qatt ma hija mitmuma għal kollox fid-devoti tagħha, ix-xewqa li jħobbuha iktar u ma jehdewx li jfaħħruha.◆

# Marija, għajn ta' ħniena



*Sliem għalik,*
*Għajn tal-ħniena,*
*Xmara ta' sliem u ta' grazzja,*
*Dija ta' safa,*
*Nida tal-widien,*
*Omm t'Alla u Omm tal-maħfra.*

*Sliem għalik,*
*Ħelsien waħdieni ta' wliedek*
*Tron sollenni tal-Maesta` Divina,*
*Dar fejn għammar Kristu*
*U tempju tiegħu;*
*Triq għall-ħajja,*
*Ġilju tal-kastita`.*

*Sliem għalik,*
*Għarusa ta' Kristu,*
*Siġra kollha fjuri ta' sbuħija li tiġbdek.*
*Kollha kemm inti sabiħa*
*Jixraqlek kull ġieħ*
*Ebda mara ma kienet tixbaħ lilek*
*U l-anqas tista' tkun.*

*Aħna nsellmulek Mara wisq miqjuma,*
*Bla tebgħa ruħek, sempliċi qalbek, safi ġismek,*
*Inti lesta li taħfer u tħenn,*
*Għażiża għal Alla, maħbuba fuq kulħadd.*
*Min iduqek jixtieqek b'ħerqa ikbar*
*Jibqagħlu għatx għal ħlewwietek, kollha qdusija*
*U qatt ma tixba' xewqatu*
*Li jħobbok u jfaħħrek. Amen.*

# Ħsibijiet Marjani






**mill-ktieb
ta' l-Isqof Don Tonino Bello
miġburin minn A.C.M.**

# Marija Omm Kristu Rxuxtat

Hafna nies jistaqsu b'ċerta kurżita` "***Għaliex il-Vanġelu, filwaqt li jitkellem dwar id-dehriet ta' Ġesu`, fl-għodwa ta' l-Għid lil diversi nies, fosthom lil Madalena, lin-nisa twajba u lid-dixxipli, ma jsemmi ebda dehra ta' Ġesu` lil Ommu Marija?***"

Għal din il-mistoqsija, jien għandi tweġiba sempliċi:

"***Għax ma kienx hemm bżonn***".

Ma kienx hemm bżonn li Ġesu` jidher lil Marija għax hija kienet hemm, Hu u jirxoxta.

Fil-verita`, it-teologi jgħidulna, li l-ġrajja ta' l-Irxoxt ma saritx quddiem għajnejn in-nies. Iżda, jien naħseb, li kien hemm eċċezzjoni. Marija kellha tkun preżenti, f'din l-aqwa Ġrajja ta' l-Istorja.

- Kif hi u hi biss kienet preżenti fl-Inkarnazzjoni ta' l-Iben.
- Kif hi kellha l-privileġġ li tkun preżenti fit-Twelid ta' binha.
- Hekk ukoll,kellha tkun hi li rat lil Ġesu` ħiereġ mill-qabar, fejn kien midfun.

L-oħrajn kollha, il-Madalena, in-nisa twajba u d-dixxipli kienu xhieda li raw lil Kristu li kien diġa` rxoxta. Iżda Marija rat lil Kristu hu u jqum mill-imwiet.

Wara kollox, tant kien hemm rabta ntima bejniethom li Marija dejjem kienet preżenti u ssieħbet ma' Binha Ġesu` fil-ġrajjiet l-aktar mportanti tas-salvazzjoni.

Kieku Marija ma' ratx lil Binha jirxoxta, bir-raġun, konna ngħidu, li dan in-nuqqas ma kienx ġustifikat.

## TALBIET

**Imqaddsa Marija,
Omm Kristu Rxuxtat...**

- Qajjimna min-ngħas.
- Kun int stess li tħabbrilna fil-qalba tal-lejl li "Illum hu l-Għid il-Kbir".
- La toqgħodx tistenna li jisbaħ.
- La toqgħodx tistenna li n-nisa twajba jiġu ħdejn il-qabar bil-fwejjaħ.
- Ejja qabilhom Int
  - bid-dija ta' Kristu Rxuxtat tiddi fuq għajnejk



- u bil-fwieħa tax-xhieda diretta u ġenwina tiegħek

Meta Marija ta' Magdala, Marija omm Ġakbu u l-oħrajn
jaslu fil-ġnien fejn kien midfun Ġesu`
isibuna diġa` mqajmin
u jsiru jafu li Int, O Marija,
kont hemm diġa` qabilhom,
l-unika waħda li rajt b'għajnejk stess
il-ġlieda bejn il-Ħajja u l-Mewt.

Mhux għax aħna ma noqogħdux fuq il-kliem
ta' Marija Madalena u l-oħrajn.

Iżda aħna tant inħossu dwiefer il-mewt joħonquna, illi x-xhieda tagħhom donnha mhix biżżejjed.

Veru, n-nisa twajba u d-dixxipli raw it-trijonf ta' Kristu Rebbieħ li qam mill-mewt, iżda huma ma rawx it-telfa ta' l-għadu li hi l-mewt.

Int biss, O Marija, tista tiżgurana li l-mewt sfat megħluba u meqruda tassew għax int rajtha misħuqa ma' l-art.

**Imqaddsa Marija,**
**Omm Kristu Rxuxtat**

- agħtina ċ-ċertezza, li minkejja kollox il-mewt ma taħkimx aktar fuqna.

Serrħilna rasna u żgurana

- li l-gwerer, l-inġustizzji u t-tbatijiet tal-foqra għad jintemmu
- li l-problemi tal-ġuħ, tar-razziżmu u tad-droga għad narawhom megħluba
- li d-dwejjaq, is-solitudni u l-mard għad jispiċċaw
- li d-dmugħ tal-vittmi tal-vjolenza u tal-moħqrija għad jieqaf u jinxef, kif tinxef in-nida malli tfeġġ ix-xemx tar-rebbiegħa.

**Imqaddsa Marija,**
**Omm Kristu Rxuxtat**

nehħielna minn fuq wiċċna l għamad tad-disperazzjoni

- u warrab għal dejjem minn quddiemna, l-faxex tad-dnubiet li kienu jkeffnuna.

Minkejja li fid-dinja hawn nuqqas ta' xogħol, ta' djar u ta' ikel

- ferraħna bl-inbid ġdid tal-hena
- u bil-ħmira l-ġdida tal-Għid tas-solidarjeta`.

Dewwaqna ftit il-paċi, tħalliniex li nimitaw aktar lil Ġuda

- ħarisna mill-bewsa tat-tradiment
- eħles lil ruħna mill-irbit ta' l-egoiżmu.

U nissel fina t-tama
li meta jasal il-mument deċisiv tal-punt tal-mewt tagħna,
jiġri lilna dak li ġara lil Ġesu`.
Kif Ġesu` rebaħ il-mewt
hekk ukoll nirbħuha aħna,
u nqumu għall-ħajja ġdida.◆

*English Corner*

# Marian Apparitions



Rev. Emanuel Magro

***"The Word became flesh,***
***he lived among us,***
***and we saw his glory,***
***the glory that he has***
***from the Father***
***as only Son of the Father,***
***full of grace and truth"***

(*New Jerusalem Bible* Jn 1:14)

The incarnation of our Lord Jesus Christ reveals that human nature is not only capable of receiving and of dialoging with the divine but also that human nature is capable of expressing the divine. God became human and showed his divinity through his humanity. The fact of the incarnation discloses God's free and loving decision to make Godself visible to human beings and to participate in human life. By sharing our human nature Jesus Christ showed us the way to the Father through the Holy Spirit and is waiting for us

to be with Him for all eternity in heaven. No other person or event except the incarnation, life, death and resurrection of Jesus Christ reveal fully and completely to us who God is and what God intends for humanity and creation. Our Lord Jesus Christ is the only mediator who manifests God to us. In and through him God has revealed Godself as well as God's loving plan of salvation.

The event of the incarnation of Jesus Christ is the context to understand the apparitions of the Blessed Virgin Mary. These apparitions are God's initiative to make Godself once again visible in a mediated way, in Mary the mother of His only Begotten Son. These apparitions and their messages do not add something new that Jesus has not revealed about God. They are private revelations. Even those apparitions that are approved by the Church are private revelations. As private revelations they do not have a binding character on the faithful in the same way as the public revelation of God in and through Jesus Christ does. Whereas the faithful are to believe all that Jesus Christ has disclosed about God in and through his person, behavior, ministry, death and resurrection, believers are free to believe or not in the apparitions. Apparitions cannot and are not to be considered as part of the doctrinal teachings of the Church.

One of the criteria to evaluate the authenticity of an apparition is in fact whether the message conveyed by Mary to the visionaries is in line with the revealed content of faith. A common characteristic of the message passed on by Mary in her apparitions is an invitation to return back to the Gospel message of repentance and conversion. A feature of a genuine apparition is its agreement with faith and morals as well as its promotion of faith in God, Jesus Christ and of serving humanity. Authentic apparitions cannot be in contradiction to the Gospel and the teachings of our Church. The faithful are to be aware of this and employ this principle as one of the means to discern the authenticity of any news of a new apparition of Mary. It is only the Church that has the right and responsibility to declare whether the message of any apparition is in accordance with the teachings of Jesus Christ as interpreted and professed by the Church.

Apparitions remind us that while God remains invisible God desires to participate in human life. Through the mediation of Mary God reminds us of the public revelation of Godself in and through His only Son. God also invites us to renew our faith, to heed the call of Jesus to repent and believe in God's kingdom, to love one another in the same way God loves us. Apparitions offer support and encouragement for our spiritual life.

Nonetheless, apparitions are not the classical and the most important ways that God communicates with human beings. Neither are they the normal channels to enter into dialogue with the Divine. The faithful are to be careful not to be carried away by the sensationalism that normally accompanies an apparition. Believers are to prefer their celebration and their participation in the sacraments. The sacraments far surpass apparitions. They are the established means instituted by Christ himself so that God and we enter into dialogue and communion with one another.◆

# Mill-Ħajja tas-Santwarju




migbura minn
**Ivan Attard**

## OTTUBRU 2007

***Is-Sibt, 20:*** Ġie amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija liċ-ċkejkna Jake-Carol Portelli, bint Antonio u MaryAnne Portelli mill-parroċċa tal-Mellieħa (Malta). Iċ-ċelebrant kien l-Arċipriet ta' Għajnsielem, il-Kan. Frankie Bajada.

***Il-Ħamis, 25:*** Saret Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla fil-Kappella tal-Madonna ta' Pinu fl-okkażjoni tal-25 Anniversarju miż-Żwieġ ta' Charles u Marion Grima mill-Fgura. Qaddes ir-Rettur Dun Gerard Buhagiar.

***Il-Ġimgħa, 26:*** Ġie amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija lil Lisa Apap, bint Francis u Rose Apap. Iċ-ċelebrant kien Dun Jesmond Apap SDB.

***Il-Ħadd, 28:*** Ġiet iċċelebrata Quddiesa li fiha ngħata s-Sagrament tal-Magħmudija lil Janica, bint Melissa Grima u John Sultana. Iċ-ċelebrant kien Mons. Salv Grima.

*Pellegrinaġġi*

**It-Tlieta, 16:** Ħdax-il persuna attendew għal pellegrinaġġ immexxi minn Fr. Terry Raj. Disa' minnhom ġew minn partijiet differenti ta' l-Awstralja filwaqt li t-tnejn l-oħra kienu minn New Zealand.

## NOVEMBRU 2007

***Is-Sibt, 3:*** Ġiet iċċelebrata Quddiesa organizzata mill-Grupp Fergħa Ewkaristika. Mexxa Fr. John Muscat.

***Il-Ħadd, 4:*** Saret Quddiesa ta' Ringrazzjament lil Alla u lill-Madonna ta' Pinu fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Fidda miż-Żwieġ ta' John u Josephine Saliba. Qaddes Fr. Alfred Schiberras OFM.

***It-Tlieta, 6:*** Kellna ż-żjara ta' Mons. Guido Calleja li qiegħed jaqdi l-missjoni saċerdotali tiegħu ġewwa l-Istati Uniti ta' l-Amerika. Huwa ġie jinviżta

lill-Madonna ta' Pinu u tela' b'fidi, devozzjoni u fiduċja fuq l-Għolja ta' Għammar.

***Il-Ħamis, 8:*** Saret Quddiesa ta' Ringrazzjament lil Alla għall-għajnuna f'diżgrazzja.



***L-Erbgħa, 21:*** Illum, is-Santwarju kellu ż-żjara tal-President ta' Malta, l-E.T. Dr. Edward Fenech Adami li kien akkumpanjat mill-assistenti tiegħu. Huwa ġie milqugħ mis-Sindku ta' l-Għarb, is-Sur David Apap, u mir-Rettur tas-Santwarju, Dun Gerard Buhagiar.



Il-President għadda xi ħin ta' talb fis-skiet fil-Kappella tal-Madonna ta' Pinu u wara, ir-Rettur urieh il-proġett ta' restawr estensiv li qed isir fuq il-pitturi ta' Envin Cremona (bil-għajnuna sponsorjata tal-BOV) u proġetti oħra li qegħdin isiru fis-Santwarju. Il-President ta' Malta wera l-apprezzament tiegħu għal dan ix-xogħol li qed isir.



***Il-Ħamis, 22:*** F'inqas minn 24 siegħa, is-Santwarju reġa' kellu żjara importanti oħra.



Dan għaliex f'dan il-jum, żar is-Santwarju l-E.T. Mons. Pawlu Cremona O.P., Arċisqof ta' Malta. Jakkumpanjawh matul din iż-żjara kien hemm l-erba' saċerdoti li qed jgħinuh

u joqogħdu miegħu. Wara li ċċelebraw Quddiesa fil-Kappella tal-Madonna ta' Pinu u talbu fuqna lkoll il-ħarsien ta' Ommna Marija, huma kellhom laqgħa soċjali flimkien mar-Rettur.



*Pellegrinaġġi:*

***It-Tlieta, 6:*** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa ta' San Gejtanu (il-Ħamrun) bħala parti minn Ġimgħa ta' talb u riflessjoni dwar "*is-sistema ta' ċelloli parrokkjali għall-evanġelizzazzjoni*" organizzata mill-istess parroċċa. Kienu b'kollox 39 persuna. Il-pellegrinaġġ intemm b'quddiesa li kienet immexxija mill-Kappillan Dun Pawl Fenech.

***L-Erbgħa, 7:*** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa tal-Madonna ta' Loretu, Għajnsielem, immexxi minn Tereża Costa. Saret Quddiesa minn Dun Anton Attard.

***Il-Ġimgħa, 16:*** Pellegrinaġġ għall-istudenti bniet ta' Grade 5 li jattendu St. Joseph B.L.B.

***L-Erbgħa, 21:*** Grupp ta' 24 persuna mill-Parroċċi taż-Żejtun, Żabbar u Wied il-Għajn għamlu żjara lis-Santwarju waqt pellegrinaġġ li kien organizzat għalihom.

## DIĊEMBRU 2007



***Is-Sibt, 1:*** Saret Konċelebrazzjoni Solenni fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech flimkien mal-Kappillani u l-Arċiprieti tal-Parroċċi kollha ta' Għawdex.



F'din l-okkażjoni, Mons. Isqof fetaħ uffiċċjalment ċ-ċelebrazzjonijiet li ser jiġu organizzati matul is-sena 2008 biex ifakkru l-125 sena mis-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu lil Karmela Grima u lil Franġisk Portelli. Fl-omelija tiegħu, Mons. Isqof ħeġġeġ lill-insara Maltin u Għawdxin biex iżuru dan is-Santwarju: "*Jien nixtieq li dan is-Santwarju jkun 'Oasi' ta' spiritwalita', ta' spiritwalita' Marjana. Nixtieq li niffrekwentawh iżjed biex insibu dan il-kenn li toffrilna Marija meta tressaqna lejn Binha Ġesu'. Ejjew kull nhar ta' Erbgħa, f'nofs il-ġimgħa, nieqfu ftit mir-rittmu tal-ħajja, niġu f'dan is-santwarju biex insibu l-mistrieħ tagħna fi ħdan Marija. Iva fi ħdan Marija nsibu lil Ġesu', il-paċi tagħna u tal-familja tagħna.*"

Ikompli f'paġna 32




# Id-Dehra tal-Madonna fi Guadalupe

Kitba ta' Dun Mikiel Galea
Illustrazzjonijiet ta' Christine Renée Simoncic



***Kien nhar id-disgħa ta' Diċembru 1531. Juan Diego, raġel mill-Messiku kien sejjer bil-mixi mir-raħal ċkejken tiegħu lejn il-Belt.***



***Hekk kif wasal fuq l-għolja ta' Tepeyac, dehritlu l-Madonna, illum imsejħa: il-Madonna ta' Guadalupe.***

***Fost l-oħrajn il-Madonna talbitu jgħid lill-Awtoritajiet tal-Knisja biex jibnulha monasteru fuq dik il-għolja.***



***Juan Diego mar għand l-Isqof tal-post,***
***Fray Juan de Zumarraga u qallu***
***bil-messaġġ tal-Madonna.***

***L-isqof ma riedx jemmnu...***
***Talbu sinjal mirakuluż biex***
***jipprova dak li kien qed jgħidlu.***





***Għad li kienet ix-xitwa,***
***u fix-xitwa ma jikberx ward,***
***il-Madonna qalet lil Juan Diego li se tipprovdilu***
***l-ward bħala sinjal mirakuluż tad-dehra tagħha.***



***Juan Diego mexa kemmxejn u sab***
***bukkett ward imsejjaħ ċentifolju kastiljan.***
***(roses ħomor).***



***Juan Diego ġabru,***
***ġeżwru f'biċċa drap***
***u ħadu lill-isqof.***



***Hekk kif ħadu lill-isqof u taħ il-ward,***
***fuq il-biċċa drapp dehret l-immaġni***
***tal-Madonna, imsejħa:***
***il-Madonna ta' Guadalupe.***

ikompli minn paġna 29






Ġie mniedi wkoll il-logo li ntagħżel għal matul din is-sena: "*Ejja... Fi ħdan Marija ssib lil Ġesu`*." Il-kelma "*Ejja...*" hija l-ewwel kelma li ħarġet tidwi mill-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu nhar it-22 ta' Ġunju 1883 meta sejħet lil Karmni Grima. Din is-sejħa, għadha tidwi minn dan is-Santwarju lilna lkoll, fejn il-Madonna qed tistedinna biex ninxteħtu fi ħdanha biex niltaqgħu ma' Binha Ġesu`.

***Il-Ġimgħa, 7:*** Lejliet is-Solennita` ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, saret il-Velja ta' l-Immakulata fis-Santwarju Ta' Pinu. Il-Velja kienet tikkonsisti f'qari ta' siltiet mill-Iskrittura, kant ta' Salmi, riflessjonijiet mill-Padri tal-Knisja, kannt u purċissjoni *aux flambaux*.





***Il-Ġimgħa, 14:*** Saret Quddiesa fl-okkażjoni tat-30 Anniversarju miż-Żwieġ bejn John u Mary Portelli mill-Parroċċa tal-Viżitazzjoni (Għarb). Qaddes il-Kan. Ġużepp Tabone.

***It-Tnejn, 24:*** Solennita` tat-Twelid ta' Sidna Ġesu` Kristu (il-Milied). Għall-ewwel darba, fil-lejl tal-Milied, sar il-*Carol Singing* li kien animat mill-Kor *Nativitas* tas-Soċjeta` Filarmonika *Victory* tax-Xagħra. Dan beda fil-11.00pm. Fil-11.30pm imbagħad bdiet Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof *Emeritus*. Din kienet tinkludi l-priedka tradizzjoni tat-tifel li din is-sena saret minn Matthew Bajada u r-reċita tas-Salmi.

***Is-Sibt, 29:*** Ġie iċċelebrat is-Sagrament taż-Żwieġ bejn Joseph Agius u Patricia Debrincat. Iċ-ċelebrant kien Dun Gerard Buhagiar, Rettur.

***It-Tnejn, 31:*** L-aħħar jum tas-sena ċivili. Ġiet iċċelebrata Quddiesa minn Patri Charles Delia S.J. flimkien ma' żewġ reliġjużi Dorotej b'radd il-ħajr lit-Trinita' Qaddisa u lill-Imqaddsa Verġni Marija.

*Pellegrinaġġi:*

***L-Erbgħa, 5:*** Pellegrinaġġ ta' 40 persuna mill-Parroċċa ta' Għajnsielem. Dan il-pellegrinaġġ kien immexxi minn Tereża Costa u għalaq b'Quddiesa li kienet iċċelebrata minn Dun Joe Cardona (min-Nadur).

***Il-Ġimgħa, 7:*** Tletin student minn St. Joseph School (Blata l Bajda) għamlu żjara fis Santwarju. Sar talb fis-skiet fil-Kappella tal-Madonna. Mexxiet Defnie Debono.

## JANNAR 2008

***It-Tlieta, 15:*** Saret Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla fl-okkażjoni ta' għeluq il-25 Anniversarju miż-Żwieġ ta' John u Doris Saliba (Victoria).

***Il-Ħamis, 24:*** Saret Quddiesa ta' Ringrazzjament lil Alla minn Dun David Gauci.

***Il-Ġimgħa, 25:*** Numru ta' saċerdoti kkonċelebraw flimkien waqt li poġġew is-Saċerdozju tagħhom taħt il-ħarsien ta' Ommna Marija. Dawn kienu Fr. Michael Bellizzi, Fr. Dione Cutajar, Fr. Ino Scicluna, Fr. Ruben Micallef, Fr. Louis Farrugia, Fr. John Borg, Fr. Mario Said, Fr. Joe Grech, Fr. Simon Scicluna u Fr. John Muscat.

***Is-Sibt, 26:*** Fl-okkażjoni tal-125 Anniversarju mis-Sejħa tal-Madonna ta' Pinu, saret Quddiesa bis-sehem tal-familji fis-Santwarju. Waqt din il-Quddiesa, saret it-Tifkira Popolari tat-Tieġ tal-Madonna. Mexxa l-Quddiesa, ir-Rettur Dun Gerard Buhagiar u għaliha kienu mistiedna l-koppji miżżewġa. Wara l-Omelija, sar it-tiġdid tal-Wegħdiet tal-Magħmudija u taż-Żwieġ. Fi tmiem il-Quddiesa, saret talba speċjali lill-Madonna ta' Pinu - kull familja preżenti ġiet imqiegħda taħt il-protezzjoni ta' Ommna Marija. Iċ-ċelebrazzjoni kienet animata minn *Scola Cantorum Jubilate.*

*Pellegrinaġġi:*

***L-Erbgħa, 2:*** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa ta' San Ġwann Battista (Xewkija) organizzat mill-Moviment Ewkaristiku.

***It-Tlieta, 8:*** Sar pellegrinaġġ ta' ringrazzjament lil Alla ta' grazzja maqlugħa lill-familja Buhagiar mis-Siġġiewi, Malta.

***Is-Sibt, 12:*** Pellegrinaġġ ta' 40 persuna minn Bologna (l-Italja). Waqt dan il-pellegrinaġġ, is-saċerdot preżenti qiegħed l-intenzjonijiet tal-Q.T. Papa Benedittu XVI u tal-Knisja Universali taħt il-protezzjoni tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija.

***L-Erbgħa, 16:*** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa ta' Sant'Anna, Marsascala.

***L-Erbgħa 30:*** Fl-okkażjoni tal-Ġimgħa ta' l-Azzjoni Kattolika fil-Parroċċa ta' San Girgor il-Kbir (Kerċem), sar pellegrinaġġ u ġiet iċċelebrata Quddiesa fil-Bażilika tal-Madonna ta' Pinu. Mexxa l-Quddiesa, Mons. Girgor Grech, Direttur Spiritwali ta' l-Azzjoni Kattolika f'Kerċem.




# L-Għanja tal-Qaddejja (1 Parti)

*Mill-ktieb ta' Bernard Häring, maqlub għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

## Daħla għas-sensiela

Bernard Häring (1912-1998) hu meqjus wieħed mill-akbar teologi morali li kellha l-Knisja Kattolika fis-seklu għoxrin. Imwieled fil-Ġermanja, hu ssieħeb ma' l-ordni tar-Redentoristi u ħadem bħala tabib fl-armata Ġermaniża waqt it-Tieni Gwerra Dinjija. L-aqwa xogħol tiegħu fil-qasam tat-teoloġija morali hu l-kompendju fi tliet volumi *The Law of Christ*, li wara l-pubblikazzjoni tiegħu ġie maqlub f'iktar minn tnax-il lingwa oħra. Wara ħareġ ukoll tliet volumi oħra bl-isem *Free and faithful in Christ.* Għallem it-teoloġija morali fl-*Akkademja Alfonsjana* ta' Ruma mill-1950 sa l-1986. Għalkemm fi żmien il-pontifikat tal-papa Piju XII ix-xogħlijiet tiegħu ma tantx dehru f'dawl sabiħ minħabba l-*"liberaliżmu"* tiegħu, Ġwanni XXIII riedu bħala *peritus* fil-Konċilju Vatikan II (1962-1965). Filfatt jibqa' magħruf bħala wieħed mill-promuturi kbar ta' riforma fil-Knisja qabel, tul u anki wara l-Konċilju. Hu ħadem ħafna biex iġib 'il quddiem l-ispiritwalità fi Knisja mġedda u oppona bil-qawwi l-legaliżmu u l-ipokrisija fl-istituzzjoni ekkleżjastika.

Häring hu konvint li *"l-Knisja qatt ma tista' tifhem tabilħaqq l-għaqda tagħha ma' Kristu u s-servizz tagħha lill-Evanġelju mingħajr imħabba u għarfien profondi ta' Marija, omm il-Mulej tagħna u ommna wkoll".* Fil-ktieb tiegħu *The Song of the Servant,* ippubblikat fl-1977, hu jdur fuq l-Iskrittura biex jislet meditazzjonijiet mill-isbaħ fuq Marija, l-omm u l-mudell tal-Knisja. Din wara kollox hi l-viżjoni tal-Konċilju Vatikan II, kif naqraw fil-kostituzzjoni dommatika fuq il-Knisja *Lumen Gentium*, li tiddedika t-tmien u l-aħħar kapitlu tagħha lil dan l-aspett tal-persuna ta' Marija. *"Aħna nqimu lil Marija, is-Sultana tal-profeti u l-appostli, il-mara kuraġġjuża, il-qaddejja umli ta' Alla u tal-bnedmin, dik li tgħix fis-sħiħ il-liġi l-ġdida tal-Beatitudnijiet. B'dak kollu li hi u li tgħidilna, hi tmexxina lejn Kristu"*, ikompli jistqarr Häring. Kull riflessjoni fil-ktieb ta' Häring tispiċċa b'talba sabiħa lil Alla u lil Marija.

Minn din il-ħarġa r-rivista *Madonna Ta' Pinu* sa tibda toffrilkom, edizzjoni wara l-oħra, it-traduzzjoni għall-Malti ta' dan il-ktieb, *L-Għanja tal-Qaddejja*, kapitlu b'kapitlu.



Bernard Häring, l-awtur tal-ktieb

# Marija, Sinjal tat-Tama

Qalb kultura "maskilista" li kienet tħares 'l isfel lejn in-nisa, l-ewwel paġni ta' l-Iskrittura Mqaddsa jenfasizzaw id-dinjita' ugwali tar-raġel u l-mara. "*U qal Alla: 'Ejjew nagħmlu lill-bniedem fuq ix-xbieha tagħna, fuq xbihetna nagħmluh' Għalhekk Alla ħalaq lill-bniedem fix-xbieha tiegħu, fix-xbieha ta' Alla. Raġel u mara għamilhom*" (Ġen 1:26-27). Ir-raġel u l-mara flimkien għandhom din il-missjoni li jkunu għal xulxin, xbieha ta' Alla: tal-fedelta' tiegħu, tat-tjieba tiegħu, ta' l-imħabba qawwija tiegħu. Nistgħu biss nibku bl-uġigħ meta naraw li t-tnejn li huma ttradew id-dinjita' tagħhom minflok ma laqgħu lil xulxin bħala don ta' Alla u faħħruh flimkien. Huma jsiru egoisti, u lil Alla jaħbuh flok jirrivelawh. Minkejja dan, il-wegħda ta' Alla hi magħhom sa mill-bidu. Għad jiġu Adam ġdid u Eva ġdida. Il-mara hi sinjal ta' tama: "*Il-Mulej Alla qal lis-serp: 'Inqajjem mibegħda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u bejn nisilha: hu jisħaqlek rasek, u int iddur għal għarqubu'*" (Ġen 3:14-15).

Ir-rebbieħ fuq l-ispirti arroganti u ħżiena sa jkun Ġesu' Kristu, l-Adam il-ġdid, imma l-wegħda tal-Feddej iddaħħalna fiha l-figura tal-mara umli u kuraġġjuża li hi magħżula biex tkun sinjal kontra l-ħażin, kontra dawk kollha li fl-arroganza u l-kburija tagħhom jirrifjutaw li jaduraw lil Alla u m'humiex kapaċi jħobbu l-proxxmu tagħhom. Alla jwiegħed mara li tkun xbieha vera ta' Alla, li n-nisel tagħha sa juri t-tjieba u l-fedelta' kollha ta' Alla. Hu jsir ix-xbieha li tidher ta' Alla li ma jidhirx, u l-Eva l-ġdida tkun is-sieħba tiegħu fl-umilta' u s-safa tagħha.

Fi żmien ta' tiġrib kbir, il-profeta Isaija, imdawwal mill-Ispirtu ta' Alla, jistieden lis-sultan ta' Ġuda biex jitlob sinjal li Alla sa jeħles lill-poplu tiegħu. Imma s-sultan jirrifjuta li jemmen u jitlob sinjal. U minkejja dan, Alla jwiegħed permezz tal-profeta tiegħu: "*Is-sinjal jagħtihulkom Sidi stess. Araw, ix-xebba tiled u jkollha iben, u ssemmih Għimmanu-El*" (Is 7:14). F'Israel il-missier kellu d-dritt li jagħti isem lil ibnu. Hu privileġġ liema bħalu li hi mara li tagħti lill-Feddej imwiegħed l-isem Għimmanu-El, li hu, Alla magħna. Alla jkun magħha "*Il-Mulej miegħek*". Hi tesperjenza, b'mod uniku, lil Alla qrib tagħha. L-eżistenza kollha tagħha tkellimna fuq ħaġa waħda: "*Il-Mulej hu fil-qrib*".

Isaija jkompli jitkellem fuq il-profezija kbira tal-verġni li tiled lil Dak li hi ssejjaħlu Għimmanu-El, u joffrilna l-viżjoni glorjuża tal-Feddej li għad irid jiġi: "*Tweldilna tifel, ingħatalna Iben; it-tmexxija tkun fuq spallejh, u ismu jissejjaħ Kunsillier ta' l-għaġeb, Alla setgħan, Missier għal dejjem, Prinċep tal-paċi, u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna u s-sliem tiegħu*" (Is 9:5-7).

Bilkemm jista' jkollna dubju li fil-familja ta' Marija dawn il-wegħdiet spiss kienu jiġu mmeditati u li, flimkien, kienu jgħannu l-għanjiet kbar tat-tieni Isaija fuq it-tema tal-qaddej ta' Jaħweh. Billi l-verġni kienet għal sekli sħaħ sinjal tal-wegħda ta' Alla lill-poplu tiegħu, allura Marija, imdawla mill-Ispirtu s-Santu, kienet tgħix it-tama u l-istennija ta' Israel. Il-ħajja kollha tagħha ssir it-talba mħeġġa ta' l-avvent it twil: "*Qattru, smewwiet, minn fuqna u ħa tinżel xita tal-ġustizzja; ħalli tinfetaħ l-art biex tinbet is-salvazzjoni, u ħalli tikber magħha l-ġustizzja; jien, il-Mulej, ħlaqtha*" (Is 45:8). Sa



minn qabel ma rċiviet il-messaġġ ta' l-anġlu li hi kienet il-magħżula, Marija, l-isbaħ bint ta' Sijon, żgur kienet titlob kuljum li jinfetaħ il-ġuf tal-mara magħżula ħalli toħroġ is-salvazzjoni. Il-wegħda u l-barka ta' Alla kienu magħha minn qabel ma setgħet tkun taf li hi kienet dik magħżula biex tagħti lill-Messija l-isem sabiħ ta' *"Għimmanu-El"*, *"Alla magħna"*.

Żgur li Marija għexet intensament il-kariżma tal-verġni li tgħix dejjem tishar fl-istennija tal-miġja tal-Mulej. F'San Ġwann, li ġie fdat minn Ġesu' f'idejn Marija, u li lilu ġiet fdata Marija, titlaħħam din il-kariżma speċjali tal-verġni. Hu *"dak li jistenna l-miġja tal-Mulej"* (ara Ġw 21:20-23). Din il-kariżma tingħata bl-ogħla mod lil Marija. Iż-żejt fil-musbieħ tagħha qed jaqbad; l-eżistenza kollha tagħha tixxennaq għall-Mulej, lesta biex tilqgħu meta jasal.

Jekk irridu tabilħaqq nagħtu qima lil Marija, is-sinjal il-kbir tal-wegħda, l-Eva ġdida, jeħtieġ fuq kollox napprezzaw il-kariżma ta' min jishar u jinsab dejjem lest. Ir-raġel u l-mara fil-kumplimentarjeta' tagħhom għandhom jimxu wara l-Adam u l-Eva ġodda, jippruvaw isiru iktar bis-sħiħ xbieha u xebh ta' Alla, biex jagħmlu viżibbli għal xulxin il-preżenza ta' Alla: *"Alla magħna"*.

Il-Mulej jiġi jum wara jum f'tant doni u fil-ħtiġijiet tal-proxxmu tagħna. Hu jsejħilna u jridna nkunu miegħu u nagħtu ġieħ lill-miġja tiegħu. Imberkin aħna jekk nimxu wara Marija, li tishar u hi dejjem lesta.

Infaħħruk, Alla, Missier li tista' kollox,
talli fil-Verġni
tajt lill-poplu tiegħek u lill-bnedmin kollha
is-sinjal il-kbir tat-tama fil-miġja
ta' Dak li għad jagħmlek għalkollox viżibbli għalina,
l-Għimmanu-El.
Nitolbu li kuljum ngħixu ma' Marija
tama mimlija gratitudni,
u dejjem nishru, lesti biex inwieġbu
bl-eżistenza kollha tagħna
għas-sejħa tiegħek u l miġja tiegħek kollha grazzja.

O Marija, kulmeta niftakar fik u nsejjaħ ismek,
inħoss fija t-tama u nixxennaq li miegħek insir naf
lill-Għimmanu-El,
l-esperjenza ta' kemm Alla hu fil-qrib.
Irroddlok ħajr għat-talb ħerqan tiegħek,
għall-istennija tiegħek
li mtliet fil-miġja tal-Feddej.
Itlob għalina,
biex ħajjitna tkun radd ta' ħajr bla ma jaqta' għall-miġja tiegħu,
u ssir għal ħafna
sinjal ta' tama, ta' fiduċja, u stedina biex ifittxu lill-Mulej.
Amen.◆



# Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...

## Settembru - Ottubru 2007

**Informazzjoni miġbura minn Edward Depasquale**

*Amerika:* Attard Mary Anne, Bajada Joe & Agnes, Buttigieg Paul & Maria, Camilleri Anthony, Camilleri Denis, Cascun Ġorġina, Galea Anthony, Galea Joseph, Galea Stella, Grima Charlotte, Haber Maria & Mario, Muscat Grace & Joe, Sultana Peter, Tabone Valeria, Vella George & Salvina, Vella Kelina, Vella Mike, Zammit Pawla.

*Awstralja:* Agius Familja, Attard Carmen & John, Attard Salvu, Attard Vicky, Azzopardi Jane, Bigeni Raymond, Borg Agnes & Fred, Borg Clementa, Buttigieg Carmen, Buttigieg Frances, Camilleri Carmen, Camilleri Felicia, Camilleri Kelinu & Saveria, Cauchi Marlene, Cauchi Tonina, Cini Elvira, Debrincat Rita, Farrugia Mary, Galea Rita, Grech J., Mizzi John, Refalo Pauline, Saliba Marianne, Sultana Marija, Teuma Natalina, Vella Carmela, Vella Mary Anne, Zahra Andrew, Zammit Familja, Emilia, Karmenu & Kelina.

*Ewropa:* Birgin Carol, Calleja Sonia, Stanescu Laura Silvia Olga.

*Għawdex:* Abela Grace, Agius Geraldine, Apap Francis, Attard John, Attard Mary Jane, Attard Sabrina, Axiaq Margaret, Axiaq Sunta, Azzopardi Fr. Francis, Azzopardi Joe, Azzopardi Rita, Azzopardi Sarah, Barnes Debreffny, Borg Ġanni, Borg Carmen, Bugeja Ersilia, Bugeja Marija, Buttigieg Ġanna, Buttigieg Carmen, Buttigieg Mario, Camilleri Jane, Camilleri Nancy, Camilleri Sr. Filomena, Carrington C., Cassar Lorainne, Cauchi Eugenio, Cefai Susan, Cordina Frances, Curmi Emanuel, Curmi Loreta, Cutajar Vincent, Debrincat Karista, Farrugia Carmen, Farrugia Francis, Farrugia John, Farrugia Karen, Galea Ġinzja, Galea Carmen, Galea Josephine, Gatt Joseph, Gauci Joe, Gauci Rodianne, Grech Anna, Grech Joseph, Grech Rose, Grima Manwel, Grima Mary Jane, Mercieca Michael, Mercieca Rose, Micallef Emanuel, Micallef Leli, Mifsud Marija, Muscat Carmela, Muscat Coronata, Muscat Frans, Muscat Jessica, Muscat Josephine, Muscat Rita, Pace Rose Marie, Portelli Marija, Portelli Sylvana, Refalo Roderick, Saliba Carmen, Saliba Josephine, Schembri John, Spiteri Dione, Spiteri Margaret, Spiteri Marilyn, Sultana Carmela, Sultana Mary, Tabone Anna Marija, Tabone George, Tabone Rita, Tabone Rose, Vella Ċetta, Vella Carmen, Xerri Elizabeth, Xuereb Ġanni, Xuereb Familja, Xuereb John, Xuereb Joyce, Zammit Carmel, Zammit Marija.

*Malta:* Abela Imelda, Abela Joseph, Agius Ġovanna, Agius Michael, Anastas Derrick, Apap Marija, Aquilina Mary, Attard Salvu, Attard Yvonne, Baldacchino Fiona, Balzan Carmen, Barbara Vincent, Bezzina Saveria, Bonnici Jeremy, Bonnici Pawlu, Borg Christian, Borg

Ikompli f'paġna 40








Ftuħ tal-Festi
1.12.2007





Preżentazzjoni tat-Trabi
02.02.2008



# mill-Album tal-Festi tal-125 Sena





**Affidament tal-Familji lill-Madonna Ta' Pinu 28.01.2008**



**Pellegrinaġġ Djoċesan Randan 09.02.2007**



**Via Sagra Djoċesana 16.03.2007**



# Preżentazzjoni tat-Trabi lill-Madonna Ta' Pinu

miġbura minn Edward Depasquale

**Settembru - Ottubru 2007**

**Ewropa:** Haynes Boneham William John

**Għawdex:** Buttigieg Carl, Cassar Azzopardi Sienna Marie, Cirillo Cameron, Cirillo Nicholas Paolo.

**Malta:** Anastasi Arragon, Attard Jake, Avellino Chanelle, Avellino Mirelbe, Axiaq Lauren, Azzopardi Juanka, Baldacchino Charmelle, Baldacchino Vanya, Balzan Nathan, Balzan Daniel, Balzan Sant Thea, Bezzina Amalia, Bitar Ramona, Borg Aidan Joseph, Borg Anthea, Borg Maya, Camilleri Kelsey, Camilleri Matthias, Carabott Edera, Carabott Isaac, Carabott Yesus, Cardona Aleyic, Cassar Andre', Cassar Martina, Cassar Michela, Chetcuti Jake, Chetcuti Yasmine, Chetcuti Pirrone Alessandro, Cremona Jacob, Debono Shayden, Decelis Julian, Deguara Chayanne, Dimech Sven, Dowling Haley, Drago Elena, Drago Sean, Falzon Hayden, Galea Carla, Galea Giuseppina, Gatt Aiden, Gatt Mattea, Gauci Maraya, Grech Miguel, Grima Chanelle, Grixti Esther-Marie, Grixti Luca, Lia Dea, Magri Wayne, Magro Fabiano, Mamo Galea Kieran, Mamo Galea Noah, Mascari Keyne Anne, Micallef Krysta, Micallef Matthias, Mockridge Ema, Muscat Isaac, Pace Akeem, Pace Cain, Pace Julian, Pace Kierane, Pace Luca, Pace Zaida, Polidano Aidan, Polidano Kieren, Portelli Luigi Saliba Kelvin, Sammut Karol, Scortino Leah, Spiteri Nadine, Sultana Chiara, Tonna Katryna, Tonna Marco, Tonna Roseanne, Vassallo Alysia, Vassallo Emma, Vassallo Mariah, Vella Chayanne, Vella Emily, Vella Ian, Vella Micallef Giulia, Zammit Matteo Giorgio, Zammit Janisha, Zammit Cacciattolo Shya, Zarb Matthia.

---

Ikompli minn paġna 37

Doris, Borg Josianne, Borg Rita, Brincat Annalise, Bugeja Carmen, Bugeja Patricia, Buhagiar D., Buhagiar Ingrid, Camenzuli Carmelo, Camilleri Deborah, Camilleri Julie, Camilleri Maria Lourdes, Camilleri Owen, Camilleri Thereża, Caruana Rita, Cascun Maria, CascunTeresa, Casha Carmel & Pawla, Cassar Ġemma, Cassar Louis, Cauchi Anglu, Cauchi Carmelo, Cauchi Josephine, Cefai Daniela, Cremona Saviour, Cumbo Familja, Cutajar Domenic, Cutajar Tereża, Debono Rita, Debrincat Raymond, Deguara Suzanne, Desira Mary, Diacono Nathaline, Dingli Gaetana, Dingli Mary, Ellul Thereża, Fanciulli Ronnie, Farrugia Alfred, Farrugia Cedric, Farrugia Familja, Farrugia Irene, Farrugia Marija, Farrugia Mary Grace, Farrugia Rose, Fenech Antonella, Fenech Rita, Fenech Vincent, Frendo Frans, Galea Jesmond, Galea Paul, Galea Yvonne, Ganado Albert, Gatt Manwel, Gatt Mary, Gauci Ġuża, Grech Florence, Grech Victoria, Grech Nathalie, Grima Josephine, Grima Mariija, Hili Lawrence, Inguanez Maria, Lanzon Marthese, Mallia Emanwela, Mangion Carmela, Mangion Nicky, Micallef Evelyn, Micallef Josephine, Micallef Louis, Micallef Madelene, Micallef Mary, Micallef Rita, Micallef Salvina, Micallef Therese, Mifsud Anġlu, Mifsud Audrey, Mifsud Familja, Mizzi Familja, Muscat Antida, Muscat Antonia, Muscat Frank, Muscat Susan, Nobbs Josephine, Portelli Marisianne, Psaila Lourdes, Saliba Therese, Sammut Ġużepp, Sammut Ġużeppa, Sammut John, Sammut Mario, Spiteri Rena, Tabone Leli, Vella Antonia, Vella Charmaine, Vella Peter, Vella Sonia, Xuereb Ġwakkin, Xuereb Christinu, Xuereb Lisa, Xuereb Mary Grace, Zammit Salvina, Tatiana & Irina.

# PROĠETT TA' RESTAWR
## fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu





**Restawr tal-Kappella Għażiża tal-Madonna Ta' Pinu u sistema ġdida ta' dwal**

**Restawr tas-Sagristija u sistema ġdida tad-dawl**



**Kamra għall-Qrar u Counselling**

**Restawr ta' l-Orgni**



## Dawn il-proġetti jistgħu jitwettqu bl-għajnuna finanzjarja tiegħek.



*Grazzi*



# Ejja...

# Fi ħdan Marija ssib lil Ġesu`

**125 Sena mis-Sejħa tal-Madonna ta' Pinu ♦ 1883 ♦ 22 ta' Ġunju ♦ 2008**

## *Jibdew l-ERBGĦAT fis-Santwarju Ta' Pinu*

## L-Erbgħa, 7 ta' Mejju 2008

## *Programm*

**Quddies fil-Għodu: 5.00, 6.00, 7.00, 8.30, u 9.00**

**Adorazzjoni Ewkaristika: 11.30 a.m. - 5.30 p.m.**

**Quddies fil-għaxija: 5.30, 6.30 u 8.00**

**Adorazzjoni Ewkaristika: 9.00 p.m. - 10.00 p.m.**

**Talba ta' Għeluq il-Jum u Barka Sagramentali: 10.00 p.m.**

## *Pellegrinaġġ*

**F'din is-sena speċjali kull Parroċċa ser tmexxi Pellegrinaġġ lejn is-Santwarju Ta' Pinu fil-5.00p.m. minn ħdejn is-Siġra ta' l-Awrikarja u tkompli bil-Quddiesa tal-5.30 p.m. li tixxandar fuq Radju Marija 102.3 FM.**

**7 ta' Mejju: Parroċċa ta' l-Għarb**
Suġġett: L-Imqaddsa Marija, bint magħżula ta' Israel
**14 ta' Mejju: Parroċċa ta' S. Lawrenz**
Suġġett: Il-Verġni Marija, Omm il-Feddej
**21 ta' Mejju: Parroċċa ta' Sannat**
Suġġett: Il-Verġni Marija ta' Nazaret
**28 ta' Mejju: Parroċċa tal-Kattidral**
Suġġett: Il-Verġni Marija f'Kana
**04 ta' Ġunju: Parroċċa taż-Żebbuġ**
Suġġett: Il-Verġni Marija, Dixxiplu tal-Mulej
**11 ta' Ġunju: Parroċċa ta' Kerċem**
Suġġett: Il-Verġni Marija, Omm ir-Rikonċiljazzjoni
**18 ta' Ġunju: Parroċċa tal-Munxar**
Suġġett: Il-Verġni Marija, Għajn ta' Dawl u Ħajja
**25 ta' Ġunju: Parroċċa ta' Għajnsielem**
Suġġett: Il-Verġni Marija, Sultana ta' l-Appostli
**02 ta' Lulju: Parroċċa tal-Fontana**
Suġġett: L-Isem Imqaddes ta' Marija
**09 ta' Lulju: Parroċċa ta' San Ġorġ**
Suġġett: Il-Verġni Marija, Qaddejja tal-Mulej
**16 ta' Lulju: Parroċċa tan-Nadur**
Suġġett: Il-Verġni Marija, Tempju tal-Mulej
**23 ta' Lulju: Parroċċa tal-Għasri**
Suġġett: Il-Verġni Marija, Xbieha u Omm il-Knisja
**30 ta' Lulju: Parroċċa tax-Xewkija**
Suġġett: Il-Verġni Marija, Saħħa tal-Morda
**06 ta' Awissu: Parroċċa tax-Xagħra**
Suġġett: Il-Verġni Marija, Sultana tal-Paċi
**13 ta' Awissu: Parroċċa tal-Qala**
Suġġett: Il-Verġni Marija, Bieb tas-Sema

NEWSPAPER POST